Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2025/0241(COD)

13.7.2026

EMENDI
563 - 808

Abbozz ta' rapport
Norbert Lins
(PE787.635v01-00)

L-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni lill-Politika Agrikola Komuni għall-perjodu mill-2028 sal-2034

Proposta għal regolament
(COM(2025)0560 – 2025/0241(COD))

Emenda 563
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	Definizzjonijiet li għandhom jiġu pprovduti fil-Pjanijiet SNR
	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-Pjanijiet SNR tagħhom, kif imsemmi fit-Titolu III tar-Regolament SNR, id-definizzjonijiet ta' "attività agrikola", "żona agrikola", "ettaru eliġibbli", u "bidwi żagħżugħ" f'konformità ma' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u l-prinċipju tal-proporzjonalità,
	1. "Attività agrikola" għandha tiġi ddeterminata b'tali mod li tippermetti l-kontribut għall-provvista ta' beni privati u pubbliċi permezz ta' waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew it-tnejn li huma:
	(i) il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet kollha mmirati lejn il-kisba ta' dawk il-prodotti; meta prodotti agrikoli tfisser prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, kif ukoll il-qoton u l-imsaġar b'newba qasira;
	(ii) il-manutenzjoni ta' żoni agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet li għandhom l-għan li jżommu l-art fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni, mingħajr azzjoni preparatorja li tmur lil hinn mill-użu tal-metodi u tal-makkinarju agrikoli tas-soltu;
	2. "Żona agrikola" għandha tiġi definita b'tali mod li tinkludi biss:
	(i) artijiet li jintużaw għal attivitajiet agrikoli inkluż meta jiffurmaw sistemi agroforestali u sistemi ta' kultivazzjoni tal-għadajjar;

(ii) artijiet li jipprovdu u jtejbu l-bijodiversità inklużi żoni li fihom siġar jew arbuxelli li jistgħu jintużaw għar-ragħa u li jiffurmaw parti minn prattiki lokali stabbiliti jew żoni fejn il-ħxejjex u foraġġ erbaċew ieħor tradizzjonalment ma jkunux predominanti li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi tal-PAK relatati mal-ambjent u mal-klima, inkluż meta jiffurmaw pajsaġġi b'valur naturali għoli;

3. "Ettaru eliġibbli" għandu jiġi definit b'tali mod li jinkludi biss żoni li jkunu għad-dispożizzjoni tal-bdiewa u li jinkludu:

(i) żoni agrikoli li fuqhom titwettaq attività agrikola taħt il-kontroll tal-bidwi inklużi artijiet b'impenji ta' ġestjoni biex jikkonformaw mar-rekwiżiti u mal-obbligi li jirriżultaw minn interventi tal-Unjoni jew nazzjonali jew programmi oħra li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi tal-PAK relatati mal-ambjent u mal-klima; jekk jitwettqu wkoll attivitajiet mhux agrikoli f'dawn iż-żoni, l-attività agrikola għandha tkun predominanti; meta jkun debitament ġustifikat għal raġunijiet ambjentali, ta' bijodiversità u relatati mal-klima, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-ettari eliġibbli jinkludu wkoll ċerti żoni użati għal attivitajiet agrikoli kull sentejn biss;

(ii) żoni li għalihom huwa pprovdut appoġġ skont l-Artikolu 35(1), il-punti (a) u (g) [appoġġ digressiv għall-introjtu, bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar] tar-Regolament SNR, jew fl-ambitu tal-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà skont it-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima 2, is-Subtaqsima 2, [BISS [l-intitolamenti inklużi kollha], l-iskema għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar], tar-Regolament (UE) 2021/2115, meta l-attività agrikola ma titwettaqx minn bidwi individwali minħabba impenji u obbligi li jirriżultaw minn interventi tal-Unjoni jew nazzjonali jew programmi oħra li jikkontribwixxu għall-objettivi

speċifiċi tal-PAK relatati mal-ambjent u mal-klima;

(iii) L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jinkludu fil-kunċett ta' "ettaru eliġibbli" karatteristiċi tal-pajsaġġ, mhux koperti mill-impenji u mill-iskemi msemmija fil-punt (ii), dment li dawn il-karatteristiċi tal-pajsaġġ ma jfixklux b'mod sinifikanti l-prestazzjoni tal-attività agrikola u ma jkunux predominanti fuq il-biċċa raba';

4. Id-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" għall-fini li tiġi stabbilita l-eliġibbiltà għall-appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ skont dan ir-Regolament għandha ssir b'tali mod li tissodisfa mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) limitu massimu ta' età ta' 40 sena;

(ii) ikun "kap tal-azjenda" fiż-żmien tal-applikazzjoni għall-appoġġ, il-perjodu ta' żmien bħala kap tal-azjenda qabel ma ssir l-applikazzjoni ma għandux jaffettwa l-eliġibbiltà għall-iskema;

Meta bidwi jitqies li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" fil-mument tal-ewwel aċċess għall-appoġġ, dak l-istatus għandu jinżamm għad-durata kollha tal-perjodu ta' eliġibbiltà stabbilit skont l-iskema ta' appoġġ rilevanti, irrispettivament minn jekk il-bidwi sussegwentement jaqbiżx il-limitu massimu tal-età.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li dawn id-definizzjonijiet ewlenin jinkludu l-bdiewa kollha li jaħdmu t-tipi kollha ta' art madwar l-UE. Ir-realtà tas-settur agrikolu hija li l-mudelli tal-biedja part-time, immexxija mill-familja u b'introjtu doppju huma komuni. Tali bdiewa spiss ikollhom rwol importanti fil-manutenzjoni tal-art agrikola f'użu produttiv, fis-sostenn tal-komunitajiet rurali, u fil-kontribut għall-produzzjoni lokali tal-ikel. Il-bdiewa li jissodisfaw l-attività minima u r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà, għandhom jiġu ttrattati b'mod ugwali irrispettivament minn jekk l-agrikoltura tikkostitwixxix l-attività ekonomika prinċipali tagħhom.

Emenda 564

Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	Definizzjonijiet skont il-Pjanijiet SNR
	1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-Pjanijiet SNR tagħhom, skont it-Titolu III tar-Regolament SNR, id-definizzjonijiet ta' "attività agrikola", "żona agrikola", "ettaru eliġibbli", u "bidwi żagħżugħ" abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità.
	2. "Attività agrikola" għandha tiġi ddeterminata permezz ta' waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew kollha kemm huma:
	(a) il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet kollha mmirati lejn il-kisba ta' dawk il-prodotti, fejn prodotti agrikoli tfisser prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, kif ukoll il-qoton u l-imsaġar b'newba qasira;
	(b) iż-żamma ta' żoni agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet li għandhom l-għan li jżommu l-art fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni; fejn ikun debitament ġustifikat għal raġunijiet ta' benessri tal-annimali jew ambjentali, ir-ragħa fil-miftuħ ta' żona agrikola li ma jirriżultax f'żieda fil-produzzjoni agrikola għall-bdiewa kkonċernati jista' jitqies ukoll bħala "manutenzjoni";
	(c) (ġdid) l-attività agrikola tista' tiġi ssupplimentata b'attivitajiet oħra bħall-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli u ta' bijofjuwils, dment li jkunu ta' natura supplimentari.

3. "Żona agrikola" għandha tiġi definita b'tali mod li tinkludi biss żoni użati għal attivitajiet agrikoli, inklużi żoni li jiffurmaw parti minn sistemi tal-agroforestrija u għal użu supplimentari għall-finijiet tal-produzzjoni tal-enerġija, b'mod partikolari l-bijofjuwils u l-enerġija rinnovabbli, inkluż permezz ta' sistemi agrifotovoltajċi, dment li dan l-użu ma jimminax u ma jissostitwix it-twettiq tal-attività agrikola.

4. "Ettaru eliġibbli" għandu jiġi definit b'tali mod li jinkludi biss żoni li jkunu għad-dispożizzjoni tal-bdiewa u li jinkludu:

(a) iż-żoni agrikoli li fihom titwettaq attività agrikola fejn il-bidwi jibqa' fil-kontroll tal-ġestjoni, tal-benefiċċji u tar-riskji finanzjarji. Jekk jitwettqu wkoll attivitajiet mhux agrikoli f'dawn iż-żoni, l-attività agrikola għandha tkun predominanti. Il-produzzjoni agrikola tista' tiġi ssupplimentata bl-użu ta' għelejjel intermedji jew sekondarji li, minbarra li jaqdu rwol agrikolu, jistgħu jintużaw għall-produzzjoni ta' bijofjuwils, dment li dan l-użu jkun ta' natura supplimentari u ma jimminax it-twettiq tal-attività agrikola jew ma jibdilx in-natura fil-biċċa l-kbira agrikola taż-żona inkwistjoni;

(b) iż-żoni li għalihom jingħata appoġġ skont l-Artikolu 5(1), il-punti (a) u (g), [appoġġ għall-introjtu digressiv, għall-bdiewa żgħar] tal-imsemmi Regolament, jew skont l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà skont it-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima 2, is-Subtaqsima 2, [BISS [intitolamenti inklużi kollha], skema għall-bdiewa żgħar] tar-Regolament (UE) 2021/2115, meta l-attività agrikola ma titwettaqx minħabba impenji u obbligi li jirriżultaw minn interventi tal-Unjoni jew nazzjonali jew programmi oħra li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi tal-PAK marbuta mal-ambjent u l-klima;

(c) L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jinkludu fil-kunċett ta' "ettaru eliġibbli" karatteristiċi tal-pajsaġġ mhux koperti mill-impenji u l-iskemi msemmija fil-punt (ii) dment li dawk il-karatteristiċi ma jfixklux b'mod sinifikanti l-prestazzjoni tal-attività agrikola u ma jkunux predominanti fuq il-biċċa art.

5. "Bidwi żagħżugħ" għandu jiġi definit b'tali mod li jissodisfa mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) limitu massimu tal-età stabbilit bejn 35 u 40 sena;

(b) ikun "kap tal-azjenda".

Meta bidwi jitqies li jaqa' fid-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" fil-mument tal-ewwel aċċess għall-appoġġ, dak l-istatus għandu jinżamm għad-durata kollha tal-perjodu ta' eliġibbiltà stabbilit skont l-iskema ta' appoġġ rilevanti, irrispettivament minn jekk il-bidwi sussegwentement jaqbiżx il-limitu massimu tal-età.

Or. pt

Emenda 565
Marta Wcisło

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	Definizzjonijiet li għandhom jiġu previsti fil-Pjanijiet SNR
	1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu wkoll fil-Pjanijiet SNR tagħhom id-definizzjonijiet ta' "{bidwi attiv}", "żona agrikola", "ettaru eliġibbli", "bidwi żagħżugħ" u "bidwi ġdid" skont dan l-Artikolu, f'konformità ma' kriterji oġġettivi u mhux

diskriminatorji u mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

2. "Attività agrikola" għandha tiġi ddeterminata permezz ta' waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew it-tnejn li huma: (a) il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet kollha mmirati lejn il-kisba ta' dawk il-prodotti; meta prodotti agrikoli tfisser prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, kif ukoll il-qoton u l-imsaġar b'newba qasira; (b) il-manutenzjoni ta' żoni agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet li għandhom l-għan li jżommu l-art fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni; meta jkun debitament ġustifikat għal raġunijiet ta' benesseri tal-annimali jew ambjentali, ir-ragħa estensiv ta' żona agrikola li ma jirriżultax f'żieda fil-produzzjoni agrikola għall-bdiewa kkonċernati jista' jitqies ukoll bħala "manutenzjoni".

3. "Żona agrikola" għandha tiġi ddeterminata b'tali mod li tinkludi biss art li tintuża għal attivitajiet agrikoli, inkluż meta tifforma sistemi agroforestali.

4."Ettaru eliġibbli" għandu jiġi ddeterminat b'tali mod li tinkludi biss żoni li jkunu għad-dispożizzjoni tal-bdiewa u li jinkludu:

(a) żoni agrikoli li fihom titwettaq attività agrikola taħt il-kontroll tal-bidwi f'termini ta' ġestjoni, benefiċċji u riskji finanzjarji. Jekk jitwettqu wkoll attivitajiet mhux agrikoli f'dawn iż-żoni, l-attività agrikola għandha tkun predominanti;

(b) żoni li għalihom ġie pprovdut appoġġ fl-ambitu tal-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) u (g), [appoġġ digressiv għall-introjtu, bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar] ta' dan ir-Regolament, jew ingħata d-dritt ta' pagamenti fl-ambitu tal-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà skont it-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima 2, is-Subtaqsima 2, [BISS [l-intitolamenti inklużi kollha], l-iskema għall-bdiewa b'azjendi agrikoli

żgħar], tar-Regolament (UE) 2021/2115, meta l-attività agrikola ma titwettaqx minħabba impenji u obbligi li jirriżultaw minn interventi tal-Unjoni jew nazzjonali jew programmi oħra li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi tal-PAK relatati mal-ambjent u mal-klima;

(c) L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jinkludu fil-kunċett ta' "ettaru eliġibbli" karatteristiċi tal-pajsaġġ, mhux koperti mill-impenji u mill-iskemi msemmija fil-punt (b), dment li dawn il-karatteristiċi tal-pajsaġġ ma jfixklux b'mod sinifikanti l-prestazzjoni tal-attività agrikola u ma jkunux predominanti fuq il-biċċa raba'. Iż-żoni użati għall-produzzjoni ta' varjetajiet tal-qanneb b'kontenut ta' Tetraidrokannabinol (THC) li jaqbeż iż-0,3 % ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-ettari skont dan ir-Regolament.

5. "Bidwi żagħżugħ" għandu jiġi ddeterminat b'tali mod li jinkludi persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jissodisfaw id-definizzjoni ta' "bidwi" msemmija fl-Artikolu 2a(1) li jissodisfaw mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) limitu massimu ta' età stabbilit bejn 35 u 40 sena;

(b) ikun "kap tal-azjenda". Meta bidwi jitqies li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" fil-mument tal-ewwel aċċess għall-appoġġ, dak l-istatus għandu jinżamm għad-durata kollha tal-perjodu ta' eliġibbiltà stabbilit fl-ambitu tal-iskema ta' appoġġ rilevanti, irrispettivament minn jekk il-bidwi sussegwentement jaqbiżx il-limitu massimu ta' età. Meta bidwi żagħżugħ ikun qed jistabbilixxi l-attività agrikola skont l-Artikolu 14, il-kundizzjonijiet relatati mal-issodisfar tad-definizzjoni ta' "bidwi" msemmija fl-Artikolu 2a(1) u li jkun "kap tal-azjenda" jistgħu jiġu ssodisfati bħala riżultat tal-proċess tal-istabbiliment.

6. "Bidwi ġdid" għandu jiġi determinat b'tali mod li jirreferi għal bidwi li ma

jkunx bidwi żagħżugħ u li jkun il-kap tal-azjenda għall-ewwel darba.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-proposta hija importanti fid-dawl tal-approċċ ippjanat għall-istabbiliment ta' interventi għall-bdiewa żgħażagħ, li għandhom jinżammu u jkomplu jiġu appoġġjati. B'mod partikolari, tirrifletti soluzzjonijiet li għandhom l-għan li jippermettu l-appoġġ għaż-żgħażagħ li għadhom mhumiex qed iwettqu attività agrikola fil-mument tal-applikazzjoni, iżda li beħsiebhom jibdew tali attività f'perjodu speċifikat wara li jkun ingħata l-appoġġ. Din il-flessibbiltà hija essenzjali biex jiġi ffaċilitat it-tiġdid ġenerazzjonali u biex jiġi żgurat li ż-żgħażagħ ikunu jistgħu jidħlu b'mod effettiv fis-settur agrikolu.

Emenda 566
Stefan Köhler, Marion Walsmann, Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	Definizzjonijiet li għandhom jiġu pprovduti fil-Pjanijiet SNR
	1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-kapitolu tal-PAK tal-Pjanijiet SNR tagħhom, kif imsemmi fit-Titolu III tar-Regolament SNR, id-definizzjonijiet tagħhom ta' "attività agrikola", "żona agrikola", "ettaru eliġibbli", u "bidwi żagħżugħ" f'konformità ma' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u l-prinċipju tal-proporzjonalità, u irrispettivament mill-forma ġuridika ta' kwalunkwe persuna kkonċernata.
	2. Id-definizzjoni ta' "attività agrikola" għandha tiġi ddeterminata permezz ta' waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew it-tnejn li huma:
	(a) il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet kollha mmirati lejn il-kisba ta' dawk il-prodotti; meta

prodotti agrikoli tfisser prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, kif ukoll il-qoton u l-imsaġar b'newba qasira u l-prodotti magħmula bil-kultivazzjoni tal-għadajjar;

(b) il-manutenzjoni ta' żoni agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet li għandhom l-għan li jżommu l-art fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni; meta jkun debitament ġustifikat għal raġunijiet ta' benesseri tal-annimali jew ambjentali, ir-ragħa estensiv ta' żona agrikola li ma jirriżultax f'żieda fil-produzzjoni agrikola għall-bdiewa kkonċernati jista' jitqies ukoll bħala "manutenzjoni".

3. Id-definizzjoni ta' "żona agrikola" għandha ssir b'tali mod li tinkludi biss art li tintuża għal attivitajiet agrikoli, inkluż meta tifforma sistemi agroforestali.

4. Id-definizzjoni ta' "ettaru eliġibbli" msemmija fl-ewwel paragrafu għandha ssir b'tali mod li tinkludi biss żoni kkultivati mill-bidwi:

(a) żoni agrikoli li fuqhom titwettaq attività agrikola taħt il-kontroll tal-bidwi u, jekk jitwettqu wkoll attivitajiet mhux agrikoli f'dawk iż-żoni, li fuqhom hija predominanti dik l-attività agrikola.

(b) żoni li għalihom huwa pprovdut appoġġ skont l-Artikolu 5 il-punti (a) u (g) [appoġġ għall-introjtu, bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar] ta' dan ir-Regolament, jew fl-ambitu tal-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà skont it-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima 2, is-Subtaqsima 2, [BISS [l-intitolamenti inklużi kollha], l-iskema għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar], tar-Regolament (UE) 2021/2115, meta l-attività agrikola ma titwettaqx minħabba impenji u obbligi li jirriżultaw minn interventi tal-Unjoni jew nazzjonali jew programmi oħra li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi tal-PAK relatati mal-ambjent u mal-klima. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jinkludu fil-kunċett ta' "ettaru eliġibbli" karatteristiċi tal-pajsaġġ, u elementi oħra, bħal

agrivoltajċi mhux koperti mill-impenji u mill-iskemi msemmija fil-punt (b), dment li dawk il-karatteristiċi tal-pajsaġġ u elementi oħra ma jfixklux b'mod sinifikanti l-prestazzjoni tal-attività agrikola u ma jkunux predominanti fuq il-biċċa raba'.

5. Id-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" għandha ssir b'tali mod li tissodisfa mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-bidwi għandu 40 sena jew iżgħar;

(b) il-bidwi jkun il-"kap tal-azjenda", li jfisser li l-bidwi żagħżugħ jeżerċita kontroll effettiv fuq l-azjenda; meta l-azjenda tkun operata minn persuna ġuridika, din il-kundizzjoni għandha tiġi ssodisfata fejn ma jkunux jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet kummerċjali.

(c) fil-każ ta' azjenda agrikola kooperattiva, bħala kooperattiva ġuridika, entità ġuridika komparabbli jew assoċjazzjoni ta' persuni fiżiċi jew entitajiet ġuridiċi, membru individwali ta' dik l-azjenda agrikola kooperattiva għandu jikkwalifika wkoll bħala bidwi żagħżugħ, dment li l-membri jipparteċipaw fuq l-istess livell fl-azjenda.

Meta bidwi jitqies li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" fil-mument tal-ewwel aċċess għall-appoġġ, dak l-istatus għandu jinżamm għad-durata kollha tal-perjodu ta' eliġibbiltà stabbilit fl-ambitu tal-iskema ta' appoġġ rilevanti, irrispettivament minn jekk il-bidwi sussegwentement jaqbiżx il-limitu massimu ta' età.

Or. en

Ġustifikazzjoni

((former NRP Art. 4 point 22) and amended; (1) "irrespective of their legal form" added; (2a) "and products produced by paludiculture"; (4) deletion of "which are at the farmer´s disposal and which compromise"; added "cultivated by farmer"; (4a) deletion of "in terms of management, benefits and finical risks"; (4c) "and other elements, such as agrivoltaics", "and other elements"; (5a) deletion of "set between 35 years and"), (5b) "meaning that the young

farmer exercises effective control over the holding; where the holding is operated by a legal person, this condition shall be fulfilled where business decisions cannot be taken added, (5c) added in its entirety; linguistic correction added

Emenda 567
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	Definizzjonijiet li għandhom jiġu inklużi fil-pjanijiet tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma
	1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-kapitolu tal-PAK tal-pjanijiet tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom, kif imsemmi fit-Titolu III tar-Regolament dwar il-pjanijiet tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma, id-definizzjonijiet tagħhom ta' "attività agrikola", "żona agrikola", "ettaru eliġibbli", u "bidwi żagħżugħ" f'konformità ma' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u l-prinċipju tal-proporzjonalità, u irrispettivament mill-forma ġuridika ta' kwalunkwe persuna kkonċernata.
	2. Id-definizzjoni ta' "attività agrikola" għandha tiġi ddeterminata permezz ta' waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew it-tnejn li huma: a) il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet kollha mmirati lejn il-kisba ta' dawk il-prodotti; prodotti agrikoli tfisser il-prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, kif ukoll il-qoton, l-imsaġar b'newba qasira u l-prodotti li jiġu kkultivati fl-għadajjar; b) iż-żamma taż-żoni agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet li għandhom l-għan li jżommu l-art fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni; meta jkun debitament ġustifikat minħabba raġunijiet ta' benessri tal-

annimali jew ambjentali, ir-ragħa estensiv ta' żona agrikola li ma jirriżultax f'żieda fil-produzzjoni agrikola għall-bdiewa kkonċernati jista' jitqies ukoll bħala "żamma".

3. Id-definizzjoni ta' "żona agrikola" għandha tiġi ddefinita b'tali mod li tinkludi biss l-art li tintuża għal attivitajiet agrikoli, inkluż meta tkun parti minn sistemi agroforestali.

4. Id-definizzjoni ta' "ettaru eliġibbli" msemmi fl-ewwel paragrafu għandha tiġi ddefinita b'tali mod li tinkludi biss iż-żoni kkultivati mill-bidwi: a) iż-żoni agrikoli fejn titwettaq attività agrikola taħt il-kontroll tal-bidwi u, jekk f'dawn iż-żoni jitwettqu wkoll attivitajiet mhux agrikoli, fejn dik l-attività agrikola tkun predominanti. b) iż-żoni li għalihom jingħata appoġġ skont l-Artikolu 5, il-punti (a) u (g), [appoġġ għall-introjtu, bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar] ta' dan ir-Regolament, jew skont l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà skont it-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima 2, is-subtaqsima 2, [BISS, l-intitolamenti inklużi kollha], skema għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar], tar-Regolament (UE) 2021/2115, meta l-attività agrikola ma titwettaqx minħabba impenji u obbligi li jirriżultaw minn interventi tal-Unjoni jew nazzjonali jew programmi oħra li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi tal-PAK marbuta mal-ambjent u l-klima. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jinkludu fil-kunċett ta' "ettaru eliġibbli" karatteristiċi tal-pajsaġġ u elementi oħra, bħal sistemi agrivoltajċi, mhux koperti mill-impenji u mill-iskemi msemmija fil-punt (b), dment li dawk il-karatteristiċi tal-pajsaġġ u elementi oħra ma jxekklux b'mod sinifikanti l-iżvilupp tal-attività agrikola u ma jkunux predominanti fuq il-biċċa raba'.

5. Id-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" għandha tiġi ddefinita b'tali mod li tissodisfa, mill-inqas, il-kundizzjonijiet li

ġejjin: a) il-bidwi għandu 40 sena jew iżgħar; b) il-bidwi huwa l-"kap tal-azjenda". Meta bidwi jitqies li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" fil-mument tal-ewwel aċċess għall-appoġġ, dak l-istatus għandu jinżamm għad-durata kollha tal-perjodu ta' eliġibbiltà stabbilit taħt l-iskema ta' appoġġ rilevanti, irrispettivament minn jekk il-bidwi sussegwentement jaqbiżx il-limitu massimu tal-età.

Or. es

Emenda 568
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-Pjanijiet SNR tagħhom, kif imsemmi fit-Titolu III tar-Regolament SNR, id-definizzjonijiet ta' "attività agrikola", "żona agrikola", "ettaru eliġibbli", u "bidwi żagħżugħ" f'konformità ma' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u l-prinċipju tal-proporzjonalità,
	2. "Attività agrikola" għandha tiġi ddeterminata permezz ta' waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew it-tnejn li huma:
	(a) il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet kollha mmirati lejn il-kisba ta' dawk il-prodotti; meta prodotti agrikoli tfisser prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, kif ukoll il-qoton u l-imsaġar b'newba qasira;
	(b) il-manutenzjoni ta' żoni agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet li għandhom l-għan li jżommu l-art fi stat tajjeb għar-

ragħa jew għall-kultivazzjoni; meta jkun debitament ġustifikat għal raġunijiet ta' benesseri tal-annimali jew ambjentali, ir-ragħa estensiv ta' żona agrikola li ma jirriżultax f'żieda fil-produzzjoni agrikola għall-bdiewa kkonċernati jista' jitqies ukoll bħala "manutenzjoni".

3. "Żona agrikola" għandha tiġi definita b'tali mod li tinkludi biss art li tintuża għal attivitajiet agrikoli, inkluż meta tifforma sistemi agroforestali.

4. "Ettaru eliġibbli" għandu jiġi definit b'tali mod li jinkludi biss żoni li jkunu għad-dispożizzjoni tal-bdiewa u li jinkludu:

(a) żoni agrikoli li fihom titwettaq attività agrikola taħt il-kontroll tal-bidwi f'termini ta' ġestjoni, benefiċċji u riskji finanzjarji. Jekk jitwettqu wkoll attivitajiet mhux agrikoli f'dawn iż-żoni, l-attività agrikola għandha tkun predominanti;

(b) żoni li għalihom huwa pprovdut appoġġ skont l-Artikolu 5(1), il-punti (a) u (g) [appoġġ digressiv għall-introjtu, bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar] ta' dak ir-Regolament, jew fl-ambitu tal-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà skont it-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima 2, is-Subtaqsima 2, [BISS [l-intitolamenti inklużi kollha], l-iskema għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar], tar-Regolament (UE) 2021/2115, meta l-attività agrikola ma titwettaqx minħabba impenji u obbligi li jirriżultaw minn interventi tal-Unjoni jew nazzjonali jew programmi oħra li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi tal-PAK relatati mal-ambjent u mal-klima;

(c) L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jinkludu fil-kunċett ta' "ettaru eliġibbli" karatteristiċi tal-pajsaġġ, mhux koperti mill-impenji u mill-iskemi msemmija fil-punt (ii), dment li dawn il-karatteristiċi tal-pajsaġġ ma jfixklux b'mod sinifikanti l-prestazzjoni tal-attività agrikola u ma jkunux predominanti fuq il-biċċa raba'.

Iż-żoni użati għall-produzzjoni ta' varjetajiet tal-qanneb b'kontenut ta' Tetraidrokannabinol (THC) li jaqbeż iż-0,3 % ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-ettari skont dan ir-Regolament.

5. "Bidwi żagħżugħ" għandu jiġi definit b'tali mod li jinkludi persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jissodisfaw id-definizzjoni ta' "bidwi" msemmija fl-Artikolu 1a(1) li jissodisfaw mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) limitu massimu ta' età stabbilit bejn 35 u 40 sena;

(b) ikun "kap tal-azjenda".

Meta bidwi jitqies li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" fil-mument tal-ewwel aċċess għall-appoġġ, dak l-istatus għandu jinżamm għad-durata kollha tal-perjodu ta' eliġibbiltà stabbilit skont l-iskema ta' appoġġ rilevanti, irrispettivament minn jekk il-bidwi sussegwentement jaqbiżx il-limitu massimu tal-età.

Meta bidwi żagħżugħ ikun qed jistabbilixxi l-attività agrikola skont l-Artikolu 14, il-kundizzjonijiet relatati mal-issodisfar tad-definizzjoni ta' "bidwi" msemmija fl-Artikolu 2a(1) u li jkun "kap tal-azjenda" jistgħu jiġu ssodisfati bħala riżultat tal-proċess tal-istabbiliment.

Or. en

Emenda 569
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	Definizzjonijiet li għandhom jiġu pprovduti fil-Pjanijiet SNR

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-kapitolu tal-PAK tal-Pjanijiet SNR tagħhom, kif imsemmi fit-Titolu III tar-Regolament SNR, id-definizzjonijiet tagħhom ta' "attività agrikola", "żona agrikola", "ettaru eliġibbli", u "bidwi żagħżugħ" f'konformità ma' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u l-prinċipju tal-proporzjonalità, u irrispettivament mill-forma ġuridika ta' kwalunkwe persuna kkonċernata.

2. Id-definizzjoni ta' "attività agrikola" għandha tiġi ddeterminata permezz ta' waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew it-tnejn li huma:

(a) il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet kollha mmirati lejn il-kisba ta' dawk il-prodotti; meta prodotti agrikoli tfisser prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, kif ukoll il-qoton u l-imsaġar b'newba qasira u l-prodotti magħmula bil-kultivazzjoni tal-għadajjar;

(b) il-manutenzjoni ta' żoni agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet li għandhom l-għan li jżommu l-art fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni; L-Istat Membru jista' jiddeċiedi li "manutenzjoni" titqies li tkun saret jekk sehem predominanti taż-żona agrikola jkun qed jintuża għall-produzzjoni ta' prodotti agrikoli. Meta jkun debitament ġustifikat għal raġunijiet ta' benesseri tal-annimali jew ambjentali, ir-ragħa estensiv ta' żona agrikola li ma jirriżultax f'żieda fil-produzzjoni agrikola għall-bdiewa kkonċernati jista' jitqies ukoll bħala "manutenzjoni".

3. Id-definizzjoni ta' "żona agrikola" għandha ssir b'tali mod li tinkludi biss art li tintuża għal attivitajiet agrikoli, inkluż meta tifforma sistemi agroforestali.

4. Id-definizzjoni ta' "ettaru eliġibbli" msemmija fl-ewwel paragrafu għandha ssir b'tali mod li tinkludi biss żoni

kkultivati mill-bidwi:

(a) żoni agrikoli li fuqhom titwettaq attività agrikola taħt il-kontroll tal-bidwi u, jekk jitwettqu wkoll attivitajiet mhux agrikoli f'dawk iż-żoni, li fuqhom hija predominanti dik l-attività agrikola.

(b) żoni li għalihom huwa pprovdut appoġġ skont l-Artikolu 5 il-punti (a) u (g) [appoġġ għall-introjtu, bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar] ta' dan ir-Regolament, jew fl-ambitu tal-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà skont it-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima 2, is-Subtaqsima 2, [BISS [l-intitolamenti inklużi kollha], l-iskema għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar], tar-Regolament (UE) 2021/2115, meta l-attività agrikola ma titwettaqx minħabba impenji u obbligi li jirriżultaw minn interventi tal-Unjoni jew nazzjonali jew programmi oħra li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi tal-PAK relatati mal-ambjent u mal-klima.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jinkludu fil-kunċett ta' "ettaru eliġibbli" karatteristiċi tal-pajsaġġ, u elementi oħra, bħal agrivoltajċi mhux koperti mill-impenji u mill-iskemi msemmija fil-punt (b), dment li dawk il-karatteristiċi tal-pajsaġġ u elementi oħra ma jfixklux b'mod sinifikanti l-prestazzjoni tal-attività agrikola u ma jkunux predominanti fuq il-biċċa raba'.

5. Id-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" għandha ssir b'tali mod li tissodisfa mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-bidwi għandu 40 sena jew iżgħar;

(b) il-bidwi huwa l-"kap tal-azjenda".

Meta bidwi jitqies li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" fil-mument tal-ewwel aċċess għall-appoġġ, dak l-istatus għandu jinżamm għad-durata kollha tal-perjodu ta' eliġibbiltà stabbilit fl-ambitu tal-iskema ta' appoġġ rilevanti, irrispettivament minn jekk il-bidwi sussegwentement jaqbiżx il-limitu

massimu ta' età.

Or. en

Emenda 570
Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	Definizzjonijiet li għandhom jiġu pprovduti fil-Pjanijiet SNR
	1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-Pjanijiet SNR tagħhom, kif imsemmi fit-Titolu III tar-Regolament SNR, id-definizzjonijiet ta' "attività agrikola", "żona agrikola", "ettaru eliġibbli", u "bidwi żagħżugħ" f'konformità ma' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u l-prinċipju tal-proporzjonalità,
	2. "Attività agrikola" għandha tiġi ddeterminata permezz ta' waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew it-tnejn li huma: (a) il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet kollha mmirati lejn il-kisba ta' dawk il-prodotti; meta prodotti agrikoli tfisser prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, kif ukoll il-qoton u l-imsaġar b'newba qasira; (b) il-manutenzjoni ta' żoni agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet li għandhom l-għan li jżommu l-art fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni; meta jkun debitament ġustifikat għal raġunijiet ta' benesseri tal-annimali jew ambjentali, ir-ragħa estensiv ta' żona agrikola li ma jirriżultax f'żieda fil-produzzjoni agrikola għall-bdiewa kkonċernati jista' jitqies ukoll bħala "manutenzjoni".
	3. "Żona agrikola" għandha tiġi definita

b'tali mod li tinkludi biss art li tintuża għal attivitajiet agrikoli, inkluż meta tifforma sistemi agroforestali.

4. "Ettaru eliġibbli" għandu jiġi definit b'tali mod li jinkludi biss żoni li jkunu għad-dispożizzjoni tal-bdiewa u li jinkludu:

(a) żoni agrikoli li fihom titwettaq attività agrikola taħt il-kontroll tal-bidwi f'termini ta' ġestjoni, benefiċċji u riskji finanzjarji. Jekk jitwettqu wkoll attivitajiet mhux agrikoli f'dawn iż-żoni, l-attività agrikola għandha tkun predominanti.

(b) żoni li għalihom huwa pprovdut appoġġ skont l-Artikolu 5(1), il-punti (a) u (g) [appoġġ digressiv għall-introjtu, bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar] ta' dak ir-Regolament, jew fl-ambitu tal-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà skont it-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima 2, is-Subtaqsima 2, [BISS [l-intitolamenti inklużi kollha], l-iskema għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar], tar-Regolament (UE) 2021/2115, meta l-attività agrikola ma titwettaqx minħabba impenji u obbligi li jirriżultaw minn interventi tal-Unjoni jew nazzjonali jew programmi oħra li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi tal-PAK relatati mal-ambjent u mal-klima;

(c) L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jinkludu fil-kunċett ta' "ettaru eliġibbli" karatteristiċi tal-pajsaġġ, inklużi karatteristiċi msaġġra, siġar u blat imxerred f'mergħat permanenti li jinsabu f'żoni muntanjużi, dment li dawn il-karatteristiċi tal-pajsaġġ ma jfixklux b'mod sinifikanti l-prestazzjoni tal-attività agrikola jew ikunu essenzjali għall-benessri tal-annimali u l-protezzjoni tal-ħamrija, u ma jkunux predominanti fuq il-biċċa raba'.

5. "Bidwi żagħżugħ" għandu jiġi definit b'tali mod li jissodisfa mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin: (a) limitu massimu ta' età stabbilit bejn 35 u 40 sena; (b) ikun "kap tal-azjenda". Meta

bidwi jitqies li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" fil-mument tal-ewwel aċċess għall-appoġġ, dak l-istatus għandu jinżamm għad-durata kollha tal-perjodu ta' eliġibbiltà stabbilit skont l-iskema ta' appoġġ rilevanti, irrispettivament minn jekk il-bidwi sussegwentement jaqbiżx il-limitu massimu tal-età.

Or. en

Emenda 571
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	Definizzjonijiet li għandhom jiġu pprovduti fil-Pjanijiet SNR
	1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-Pjanijiet SNR tagħhom, kif imsemmi fit-Titolu III tar-Regolament SNR, id-definizzjonijiet ta' "attività agrikola", "żona agrikola", "ettaru eliġibbli", u "bidwi żagħżugħ" f'konformità ma' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u l-prinċipju tal-proporzjonalità,
	2. "Attività agrikola" għandha tiġi ddeterminata permezz ta' waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew it-tnejn li huma:
	(a) il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet kollha mmirati lejn il-kisba ta' dawk il-prodotti; meta prodotti agrikoli tfisser prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, kif ukoll il-qoton u l-imsaġar b'newba qasira;
	(b) il-manutenzjoni ta' żoni agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet li għandhom l-għan li jżommu l-art fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni; meta jkun

debitament ġustifikat għal raġunijiet ta' benesseri tal-annimali jew ambjentali, ir-ragħa estensiv ta' żona agrikola li ma jirriżultax f'żieda fil-produzzjoni agrikola għall-bdiewa kkonċernati jista' jitqies ukoll bħala "manutenzjoni".

3. "Żona agrikola" għandha tiġi definita b'tali mod li tinkludi biss art li tintuża għal attivitajiet agrikoli, inkluż meta tifforma sistemi agroforestali.

4. "Ettaru eliġibbli" għandu jiġi definit b'tali mod li jinkludi biss żoni li jkunu għad-dispożizzjoni tal-bdiewa u li jinkludu:

(a) żoni agrikoli li fihom titwettaq attività agrikola taħt il-kontroll tal-bidwi f'termini ta' ġestjoni, benefiċċji u riskji finanzjarji. Jekk jitwettqu wkoll attivitajiet mhux agrikoli f'dawn iż-żoni, l-attività agrikola għandha tkun predominanti.

(b) żoni li għalihom huwa pprovdut appoġġ skont l-Artikolu 5(1), il-punti (a) u (g) [appoġġ digressiv għall-introjtu, bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar] ta' dak ir-Regolament, jew fl-ambitu tal-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà skont it-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima 2, is-Subtaqsima 2, [BISS [l-intitolamenti inklużi kollha], l-iskema għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar], tar-Regolament (UE) 2021/2115, meta l-attività agrikola ma titwettaqx minħabba impenji u obbligi li jirriżultaw minn interventi tal-Unjoni jew nazzjonali jew programmi oħra li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi tal-PAK relatati mal-ambjent u mal-klima;

(c) L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jinkludu fil-kunċett ta' "ettaru eliġibbli" karatteristiċi tal-pajsaġġ, mhux koperti mill-impenji u mill-iskemi msemmija fil-punt (ii), dment li dawn il-karatteristiċi tal-pajsaġġ ma jfixklux b'mod sinifikanti l-prestazzjoni tal-attività agrikola u ma jkunux predominanti fuq il-biċċa raba'.

5. "Bidwi żagħżugħ" għandu jiġi definit

b'tali mod li jissodisfa mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) limitu massimu ta' età stabbilit bejn 35 u 40 sena;

(b) ikun "kap tal-azjenda".

Meta bidwi jitqies li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" fil-mument tal-ewwel aċċess għall-appoġġ, dak l-istatus għandu jinżamm għad-durata kollha tal-perjodu ta' eliġibbiltà stabbilit skont l-iskema ta' appoġġ rilevanti, irrispettivament minn jekk il-bidwi sussegwentement jaqbiżx il-limitu massimu tal-età.

Or. en

Ġustifikazzjoni

dak li qabel kien l-Artikolu 4, il-punt 22 tal-SNR

Emenda 572
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	Definizzjonijiet li għandhom jiġu pprovduti fil-Pjanijiet SNR
	1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu wkoll fil-Pjanijiet SNR tagħhom id-definizzjonijiet ta' "attività agrikola", "żona agrikola", "ettaru eliġibbli", u "bidwi żagħżugħ" f'konformità ma' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u mal-prinċipju tal-proporzjonalità.
	2. "Attività agrikola" għandha tiġi ddeterminata permezz taż-żewġ attivitajiet li ġejjin:
	(a) il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli, li

tikkonsisti fl-attivitajiet kollha mmirati lejn il-kisba ta' dawk il-prodotti; meta prodotti agrikoli tfisser prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, kif ukoll il-qoton u l-imsaġar b'newba qasira;

(b) il-manutenzjoni ta' żoni agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet li għandhom l-għan li jżommu l-art fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni; meta jkun debitament ġustifikat għal raġunijiet ta' benesseri tal-annimali jew ambjentali, ir-ragħa estensiv ta' żona agrikola li ma jirriżultax f'żieda fil-produzzjoni agrikola għall-bdiewa kkonċernati jista' jitqies ukoll bħala "manutenzjoni".

3. "Żona agrikola" għandha tiġi definita b'tali mod li tinkludi biss art li tintuża għal attivitajiet agrikoli, inkluż meta tifforma sistemi agroforestali.

4. "Ettaru eliġibbli" għandu jiġi definit b'tali mod li jinkludi biss żoni li jkunu għad-dispożizzjoni tal-bdiewa u li jinkludu:

(a) żoni agrikoli li fihom titwettaq attività agrikola taħt il-kontroll tal-bidwi f'termini ta' ġestjoni, benefiċċji u riskji finanzjarji. Jekk jitwettqu wkoll attivitajiet mhux agrikoli f'dawn iż-żoni, l-attività agrikola għandha tkun predominanti. (b) żoni li għalihom huwa pprovdut appoġġ skont l-Artikolu 5(1), il-punti (a) u (g) [appoġġ digressiv għall-introjtu, bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar] ta' dak ir-Regolament, jew fl-ambitu tal-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà skont it-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima 2, is-Subtaqsima 2, [BISS [l-intitolamenti inklużi kollha], l-iskema għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar], tar-Regolament (UE) 2021/2115, meta l-attività agrikola ma titwettaqx minħabba impenji u obbligi li jirriżultaw minn interventi tal-Unjoni jew nazzjonali jew programmi oħra li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi tal-PAK relatati mal-ambjent u mal-klima;

(c) L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jinkludu fil-kunċett ta' "ettaru eliġibbli" karatteristiċi tal-pajsaġġ, mhux koperti mill-impenji u mill-iskemi msemmija fil-punt (ii), dment li dawn il-karatteristiċi tal-pajsaġġ ma jfixklux b'mod sinifikanti l-prestazzjoni tal-attività agrikola u ma jkunux predominanti fuq il-biċċa raba'.

5. "Bidwi żagħżugħ" għandu jiġi definit b'tali mod li jissodisfa mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) limitu massimu ta' età stabbilit bejn 35 u 40 sena;

(b) ikun "kap tal-azjenda". Meta bidwi jitqies li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" fil-mument tal-ewwel aċċess għall-appoġġ, dak l-istatus għandu jinżamm għad-durata kollha tal-perjodu ta' eliġibbiltà stabbilit skont l-iskema ta' appoġġ rilevanti, irrispettivament minn jekk il-bidwi sussegwentement jaqbiżx il-limitu massimu tal-età.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 4 il-punt 22 tal-SNR)

Dan l-approċċ jiżgura li ż-żewġ kundizzjonijiet iridu jiġu ssodisfati biex l-appoġġ tal-PAK ikun jista' jiġi mmirat lejn persuni ġenwinament involuti f'attività agrikola. Dan l-approċċ jipprevjeni l-pagamenti lill-hekk imsejħa "bdiewa tas-sufan" li ma jwettqu l-ebda attività agrikola reali, u b'hekk jikkontribwixxi għal użu aktar effettiv u kredibbli tal-fondi tal-PAK u l-immirar aħjar tagħhom.

Emenda 573
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Csaba Dömötör, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	Definizzjonijiet li għandhom jiġu

pprovduti fil-Pjanijiet SNR

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-Pjanijiet SNR tagħhom, kif imsemmi fit-Titolu III tar-Regolament SNR, id-definizzjonijiet ta' "attività agrikola", "żona agrikola", "ettaru eliġibbli", u "bidwi żagħżugħ" f'konformità ma' dan l-Artikolu:

2. "Attività agrikola" għandha tiġi ddeterminata permezz ta' waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew it-tnejn li huma: (a) il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet kollha mmirati lejn il-kisba ta' dawk il-prodotti; meta prodotti agrikoli tfisser prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, kif ukoll il-qoton u l-imsaġar b'newba qasira; (b) il-manutenzjoni ta' żoni agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet li għandhom l-għan li jżommu l-art fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni; ir-ragħa estensiv ta' żona agrikola li ma jirriżultax f'żieda fil-produzzjoni agrikola għall-bdiewa kkonċernati jista' jitqies ukoll bħala "manutenzjoni".

3. "Żona agrikola" għandha tiġi definita b'tali mod li tinkludi biss art li tintuża għal attivitajiet agrikoli, inkluż meta tifforma sistemi agroforestali.

4. "Ettaru eliġibbli" għandu jiġi definit b'tali mod li jinkludi biss żoni li jkunu għad-dispożizzjoni tal-bdiewa u li jinkludu:

(a) żoni agrikoli li fihom titwettaq attività agrikola taħt il-kontroll tal-bidwi f'termini ta' ġestjoni, benefiċċji u riskji finanzjarji. Jekk jitwettqu wkoll attivitajiet mhux agrikoli f'dawn iż-żoni, l-attività agrikola għandha tkun predominanti. (b) żoni li għalihom huwa pprovdut appoġġ skont l-Artikolu 5(1), il-punti (a) u (g) [appoġġ digressiv għall-introjtu, bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar] ta' dak ir-Regolament, jew fl-ambitu tal-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà skont it-Titolu III, il-Kapitolu II, it-

Taqsima 2, is-Subtaqsima 2, [BISS [l-intitolamenti inklużi kollha], l-iskema għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar], tar-Regolament (UE) 2021/2115, meta l-attività agrikola ma titwettaqx minħabba impenji u obbligi li jirriżultaw minn interventi tal-Unjoni jew nazzjonali jew programmi oħra li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi tal-PAK relatati mal-ambjent u mal-klima;

(c) L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jinkludu fil-kunċett ta' "ettaru eliġibbli" karatteristiċi tal-pajsaġġ, mhux koperti mill-impenji u mill-iskemi msemmija fil-punt (ii), dment li dawn il-karatteristiċi tal-pajsaġġ ma jfixklux b'mod sinifikanti l-prestazzjoni tal-attività agrikola u ma jkunux predominanti fuq il-biċċa raba'.

5. "Bidwi żagħżugħ" għandu jiġi definit b'tali mod li jissodisfa mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) limitu massimu ta' età stabbilit bejn 35 u 40 sena;

(b) ikun "kap tal-azjenda".

Meta bidwi jitqies li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" fil-mument tal-ewwel aċċess għall-appoġġ, dak l-istatus għandu jinżamm għad-durata kollha tal-perjodu ta' eliġibbiltà stabbilit skont l-iskema ta' appoġġ rilevanti, irrispettivament minn jekk il-bidwi sussegwentement jaqbiżx il-limitu massimu tal-età.

Or. en

Ġustifikazzjoni

dak li qabel kien l-Artikolu 4, il-punt 22 tal-SNR

paragrafu 1 "ma' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u mal-prinċipju tal-proporzjonalità" tħassar;

żieda ta' "ma' dan l-Artikolu";

il-paragrafu 2 "meta jkun debitament ġustifikat għal raġunijiet ta' benesseri tal-annimali jew ambjentali" tħassar.

Emenda 574
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Elena Sancho Murillo, Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	Definizzjonijiet
	Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
	(1) "Bidwi" tfisser:
	(i) persuna fiżika jew ġuridika li l-azjenda tagħha tinsab fl-Unjoni u li l-attività prinċipali tagħha tkun attività agrikola f'konformità mal-kriterji definiti mill-Istati Membri f'konformità ma' dan ir-Regolament;
	jew (ii) persuna fiżika jew persuna ġuridika żgħira, li l-attività prinċipali tagħha ma tkunx l-agrikoltura, iżda li tkun involuta f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif definit mill-Istati Membri, u b'hekk tikkontribwixxi għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel, tal-art u tat-territorju u għall-forniment ta' servizzi tal-ekosistema għall-benefiċċju taż-żoni u tal-komunitajiet rurali; meta l-bidwi jopera permezz ta' persuna ġuridika, dik il-persuna ġuridika għandha titqies bħala bidwi biss fejn il-maġġoranza tal-kapital azzjonarju jkun miżmum mill-bdiewa bħala persuni fiżiċi li jaħdmu fl-azjenda;
	(2) "Bidwi attiv" għandu jiġi ddeterminat b'tali mod li jinkludi primarjament bdiewa li jeżerċitaw attività agrikola fl-azjenda tagħhom u jikkontribwixxu b'mod attiv għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel, tal-art u tat-territorju u għall-forniment ta' servizzi tal-ekosistema għall-benefiċċju taż-żoni u tal-

komunitajiet rurali; l-appoġġ ma għandux jiġi prekluż għall-bdiewa pluriattivi jew part-time. Meta jiddeterminaw min huwa "bidwi attiv", l-Istati Membri għandhom japplikaw kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, inkluż permezz ta' lista negattiva li tiskwalifika bidwi milli jitqies bħala bidwi attiv. Il-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar, li l-attività prinċipali tagħhom ma tkunx attività agrikola, iżda li huma involuti f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif stabbilit mill-Istati Membri, għandhom jitqiesu wkoll bħala bdiewa attivi;

(3) "operazzjoni" tfisser pagament mogħti lill-bdiewa fl-ambitu ta' interventi ta' appoġġ għall-introjtu tal-PAK ibbażati fuq iż-żona u l-annimali msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (g), (o) u (p) ta' dak ir-Regolament;

(4) "bidwi ġdid" għandu jiġi determinat b'tali mod li jirreferi għal bidwi li ma jkunx bidwi żagħżugħ u li jkun il-kap tal-azjenda għall-ewwel darba;

(5) "biedja organika" tfisser sistema ta' produzzjoni organika ċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(6) "azjenda" tfisser l-unitajiet kollha użati għal attivitajiet agrikoli u ġestiti minn bidwi u li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru, fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati, kif definit fl-Artikolu 52 tat-TUE flimkien mal-Artikoli 349 u 355 tat-TFUE;

(7) "Sistema tal-Għarfien u tal-Informazzjoni Agrikoli" jew "AKIS" tfisser l-organizzazzjoni u l-flussi tal-għarfien ikkombinati bejn il-persuni, l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet li jużaw u jipproduċu l-għarfien u l-innovazzjonijiet għall-agrikoltura u oqsma interrelatati msemmija fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament;

(8) "il-gżejjer minuri tal-Eġew" tfisser kwalunkwe gżira fil-Baħar Eġew minbarra l-gżejjer ta' Kreta u Evia.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dak li qabel kien l-Artikolu 4, il-punti 14, 15, 17, 23 tal-SNR + def. "bidwi attiv" ittra VdL + l-Artikolu 4(3c), (9c), (16) tal-SNR. It-test oriġinali ġie emendat biss fil-paragrafu 1(ii), il-paragrafu 2 (def. bidwi attiv).

Emenda 575
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Pär Holmgren, Martin Häusling

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	Definizzjonijiet li għandhom jiġu pprovduti mill-Istati Membri fil-Pjanijiet SNR tagħhom
	1. (...)
	2. "Attività agrikola" għandha tiġi ddeterminata permezz ta' waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew it-tnejn li huma:
	(a) (...)
	(b) il-manutenzjoni ta' żoni agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet li għandhom l-għan li jżommu l-art fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni; inklużi r-ragħa estensiv, ir-raba' mistrieħ rotazzjonali, jew il-ġestjoni agroekoloġika tal-art; tali attivitajiet jistgħu jikkwalifikaw anke meta ma jżidux l-output immedjatament, jekk jikkontribwixxu għall-benessri tal-annimali, għall-bijodiversità jew għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew iżidu r-reżiljenza tal-agroekosistema kollha. Meta jkun debitament ġustifikat għal raġunijiet

ta' benesseri tal-annimali jew ambjentali, ir-raġħa estensiv ta' żona agrikola għandu jitqies bħala "manutenzjoni".

3. "Żona agrikola" għandha tiġi definita b'tali mod li tinkludi biss art li tintuża għal attivitajiet agrikoli inkluża l-protezzjoni tal-fatturi tal-produzzjoni u meta tifforma żoni tal-agroforestrija, silvipastorali u ta' mergħat eteroġenji oħra jew sistemi oħra bi skopijiet multipli bbażati fuq l-agrikoltura, bħal żoni ta' kultivazzjoni tal-għadajjar, karatteristiċi tal-pajsaġġ, żoni ta' lqugħ, għelejjel ta' kopertura, strixxi ta' dakkara/fjuri selvaġġi, u kurituri ekoloġiċi.

4. "Ettaru eliġibbli" għandu jiġi definit b'tali mod li jinkludi biss żoni li jkunu għad-dispożizzjoni tal-bdiewa u li jinkludu:

(a) (...)

(b) (...)

(c) L-Istati Membri għandhom jinkludu fil-kunċett ta' "ettaru eliġibbli" karatteristiċi tal-pajsaġġ, mhux koperti mill-impenji u mill-iskemi msemmija fil-punt (ii), li jikkontribwixxu għas-sistema usa' ta' produzzjoni agrikola jew jiffurmaw parti agronomika jew kulturali integrali minnha, jikkontribwixxu għall-produttività fit-tul jew għall-prestazzjoni tal-attività agrikola, jew jipproteġu l-fatturi tal-produzzjoni. Għall-finijiet li jkunu permessi sistemi ta' raġħa estensiv, dan jista' jestendi għal art komuni fejn xieraq biex ikopri t-transumanza, u jinkludi żoni ta' mergħat imsaġġra,b'ħafna arbuxelli u żoni ta' mergħat eteroġenji oħra fejn ir-raġħa tal-bhejjem jitwettaq b'mod effettiv, biex ikopri sistemi silvopastorali u tipi oħra ta' sistemi agroforestali, u l-kultivazzjoni tal-għadajjar.

(4a ġdid) L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu "sistemi estensivi ta' bhejjem" bħala sistemi ta' raġħa li jinkludu sistemi tradizzjonali ta' raġħa

bħas-silvopastoraliżmu, it-transumanza mhux biss tal-bovini, tan-nagħaġ u tal-mogħoż, iżda wkoll tal-bufli, tal-biżonti, taċ-ċervidi inklużi r-renni. Jista' jitwettaq ukoll fuq art komuni jew kondiviża u jista' jiġi appoġġat minn appoġġ akkoppjat għall-introjtu għal kull annimal, u jista' jiġi inkluż taħt l-azzjonijiet agroambjentali skont l-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jiddefinuha bħala sistema ta' ragħa taħt 2 LSU/ha li tista' tipproduċi mill-inqas 70 % tal-għalf tagħha stess jew tipprovdih lokalment.

5. "Bidwi żagħżugħ" għandu jiġi definit b'tali mod li jissodisfa mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) limitu massimu ta' età stabbilit bejn 35 sena u 45 sena;

(b) (...)

(...)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Artikolu 1b (ġdid) (dak li qabel kien l-Artikolu 4, il-punt 22) tal-SNR) (...) = l-ebda bidla mill-SNR oriġinali

Emenda 576
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	Artikolu 1b (ġdid) (dak li qabel kien l-Artikolu 4(22) tal-SNR) Definizzjonijiet li għandhom jiġu pprovduti fil-Pjanijiet SNR
	2. L-"attività agrikola" għandha tiġi ddeterminata permezz ta' waħda mill-

attivitajiet li ġejjin jew it-tnejn li huma:

a) il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli, inklużi l-għelejjel, it-trobbija tal-bhejjem, l-għelejjel permanenti, is-sistemi tal-agroforestrija, ir-ragħa estensiv, it-trobbija tan-naħal u attivitajiet oħra mmirati lejn il-kisba tal-prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, kif ukoll il-qoton u l-għelejjel b'newba qasira;

b) iż-żamma taż-żoni agrikoli fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni, dment li tali żamma tkun marbuta ma' funzjoni agrikola, ambjentali, territorjali jew tal-benessri tal-annimali effettiv u ma tintużax biex tiġġustifika l-appoġġ għaż-żamma passiva tal-art.

4. L-"ettaru eliġibbli" għandu jiġi ddefinit b'tali mod li jinkludi biss żoni li jkunu għad-dispożizzjoni tal-bdiewa u li jinkludu:

a) iż-żoni agrikoli li fihom titwettaq attività agrikola taħt il-kontroll effettiv tal-bidwi f'termini ta' ġestjoni, benefiċċji u riskji finanzjarji. L-appoġġ għandu jingħata lil bidwi li effettivament jisfrutta l-art u jġorr ir-riskju ekonomiku tal-attività agrikola, u mhux lil persuna fiżika jew ġuridika li sempliċiment tkun is-sid tal-art mingħajr ma fil-fatt twettaq dik l-attività agrikola. Jekk jitwettqu wkoll attivitajiet mhux agrikoli f'dawn iż-żoni, l-attività agrikola għandha tkun predominanti.

5. It-terminu "bidwi żagħżugħ" għandu jiġi ddefinit b'tali mod li jissodisfa mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin:

a) limitu massimu tal-età stabbilit bejn 35 sena u 40 sena;

b) ikun il-"kap tal-azjenda"

Meta bidwi jitqies li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ", meta jingħata l-ewwel aċċess għall-appoġġ, dak l-istatus għandu jinżamm għad-durata kollha tal-perjodu ta' eliġibbiltà stabbilit

taħt l-iskema ta' appoġġ rilevanti, irrispettivament minn jekk il-bidwi sussegwentement jaqbiżx il-limitu massimu tal-età. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-definizzjoni ta' bidwi żagħżugħ tiġi applikata b'mod li jiffaċilita s-suċċessjoni gradwali, il-ġestjoni kondiviża, l-aċċess għall-art, l-ilma u l-finanzi, kif ukoll l-integrazzjoni effettiva tal-bdiewa żgħażagħ f'azjendi vijabbli.

Or. es

Emenda 577
Barry Cowen, Asger Christensen, Christine Singer, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	Definizzjonijiet
	Għall-finijiet tal-Artikolu 20b, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin: (a) "applikazzjoni ġeospazjali" tfisser formola ta' applikazzjoni elettronika li tinkludi applikazzjoni tat-teknoloġija tal-informazzjoni bbażata fuq sistema ta' informazzjoni ġeografika li tippermetti lill-benefiċjarji jiddikjaraw b'mod spazjali l-biċċiet raba' tal-azjenda kif definit fl-Artikolu 1a (ġdid), (4a) u ż-żoni mhux agrikoli li għalihom qed issir talba għall-pagament; (b) "sistema ta' monitoraġġ tal-erja" tfisser proċedura ta' osservazzjoni, traċċar u valutazzjoni regolari u sistematiċi tal-attivitajiet u l-prattiki agrikoli fuq iż-żoni agrikoli permezz tad-data satellitari Sentinel ta' Copernicus jew data oħra b'valur mill-inqas ekwivalenti; (c) "sistema għall-identifikazzjoni u għar-reġistrazzjoni tal-annimali" tfisser is-sistema għall-identifikazzjoni u għar-reġistrazzjoni tal-

annimali terrestri miżmuma stabbilita mill-Parti IV, it-Titolu I, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 1, tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (7); (d) "biċċa raba'" tfisser unità, definita mill-Istati Membri, ta' żona agrikola kif iddeterminata f'konformità mal-Artikolu 1b(3); (e) "sistema ta' informazzjoni ġeografika" tfisser sistema tal-kompjuter li tkun kapaċi tiġbor, taħżen, tanalizza, u turi informazzjoni referenzjata b'mod ġeografiku; (f) "sistema awtomatika ta' talbiet" tfisser sistema ta' applikazzjoni għal interventi bbażati fuq iż-żona jew dawk ibbażati fuq l-annimali, li fiha d-data meħtieġa mill-amministrazzjoni dwar mill-inqas iż-żoni jew l-annimali individwali li għalihom qed tintalab l-għajnuna jkunu disponibbli fil-bażijiet tad-data kompjuterizzati uffiċjali amministrati mill-Istat Membru u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju fejn meħtieġ.

Or. en

Emenda 578
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	Suġġett u definizzjonijiet
	"Bidwi attiv" għandu jiġi ddeterminat b'tali mod li jinkludi primarjament bdiewa li jeżerċitaw attività agrikola fl-azjenda tagħhom u jikkontribwixxu b'mod attiv għas-sovranità tal-ikel. Għall-persuni ġuridiċi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li bidwi attiv ikun ikkontrollat minn persuni fiżiċi li l-attività prinċipali tagħhom hija attività agrikola, f'konformità mal-kriterji ddefiniti mill-

Istati Membri skont dan ir-Regolament. Il-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar li l-attività prinċipali tagħhom mhijiex l-agrikoltura, iżda li jeżerċitaw mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif stabbilit mill-Istati Membri, ukoll għandhom jitqiesu bħala bdiewa attivi.

(a) Persuna fiżika tista' tiġi rikonoxxuta biss bħala bidwi attiv għal entità ġuridika waħda.

(b) Meta l-parteċipazzjoni tkun ta' persuna ġuridika, il-persuni fiżiċi li jwettqu b'mod attiv ix-xogħol agrikolu jrid ikollhom mill-inqas 51 % tal-kapital tagħha u 65 % tad-drittijiet tal-vot tagħha.

(c) Persuna ma għandhiex titqies bħala bidwi attiv jekk l-introjtu mhux agrikolu annwali tagħha, inkluż minn attivitajiet kummerċjali li jsiru fl-azjenda, jaqbeż tliet darbiet is-salarju medjan nazzjonali, b'mod partikolari għal dawk li huma s-sidien ta' kumpaniji jew impriżi oħra li s-sidien benefiċjarji tagħhom tal-għajnuna ma humiex bdiewa.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-SNR preċedenti, l-Art. 4, il-punti 14, 15, 17, 23 + id-definizzjoni ta' "bidwi attiv" l-ittra VdL + SNR, l-Art. 4(3c), (9c) u (16)

Emenda 579
Maria Walsh

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	Definizzjonijiet
	L-Istati Membri għandhom jinkludu lista negattiva li tiskwalifika ċerti kategoriji ta' benefiċjarji milli jitqiesu bħala bdiewa

attivi. Il-lista negattiva msemmija fis-subparagrafu preċedenti għandha tinkludi mill-inqas il-kategoriji li ġejjin, li l-Istati Membri għandhom japplikaw fil-każijiet kollha:

(a) persuni ġuridiċi jew gruppi ta' persuni ġuridiċi li l-għan prinċipali tan-negozju tagħhom, kif irreġistrat fir-reġistru kummerċjali nazzjonali, huwa l-investiment finanzjarju, il-ġestjoni tal-proprjetà immobbli jew l-operat tal-infrastruttura li mhijiex primarjament ta' natura agrikola, inklużi l-ajruporti, il-ferroviji, ix-xogħlijiet tal-ilma u l-faċilitajiet sportivi;

(b) l-awtoritajiet pubbliċi u l-korpi rregolati mid-dritt pubbliku, meta l-azjendi tal-art ma jkunux ġestiti bħala azjenda agrikola attiva taħt ir-responsabbiltà ta' ġestjoni diretta;

(c) persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jirċievu appoġġ għall-introjtu minn dan ir-Regolament esklużivament bis-saħħa tas-sjieda tal-art, mingħajr ma jerfgħu r-responsabbiltà finanzjarja u organizzattiva għall-ġestjoni tal-azjenda agrikola.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu reġistru nazzjonali ta' bdiewa attivi u għandhom jippubblikaw il-kriterji applikati, inkluż il-kontenut sħiħ tal-lista negattiva tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The amendment strengthens the active farmer definition by making the negative list mandatory. Previous CAP reforms have demonstrated that leaving the exclusion of illegitimate beneficiaries entirely to Member State discretion produces systematic divergence: in some Member States, investment funds, real estate companies, public infrastructure operators and other non-farming entities continue to receive CAP income support, diverting funds from genuine farmers and contributing to land price inflation that directly harms young farmers entering the sector. A mandatory minimum negative list at EU level, based on clearly identifiable categories addresses the most clear-cut cases of misuse without encroaching on Member State competence for agricultural policy design.Former NRP Article 4 - Amendment

consists of the introduction of negative lists disqualifying certain categories of beneficiaries from being considered active farmers.

Emenda 580
Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	Artikolu 1b (ġdid) (dak li qabel kien l-Artikolu 4, il-punt 22 tal-SNR)
	2. "Attività agrikola" għandha tiġi ddeterminata permezz ta' waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew it-tnejn li huma:
	(a) il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet kollha mmirati lejn il-kisba ta' dawk il-prodotti; meta prodotti agrikoli tfisser prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, kif ukoll il-qoton u l-imsaġar b'newba qasira;
	(b) il-manutenzjoni ta' żoni agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet li għandhom l-għan li jżommu l-art fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni; meta jkun debitament ġustifikat mir-rekwiżiti tal-Intendenza tal-Azjendi Agrikoli stabbiliti fl-Anness I, bħaż-żamma tal-benessri tal-annimali (SMR 9–11) jew il-protezzjoni tal-bijodiversità u tal-pajsaġġ (SMR 3–4), il-prattiki estensivi u ġestiti tar-ragħa li jikkontribwixxu għas-saħħa tal-ekosistema aktar milli jimmassimizzaw il-produzzjoni agrikola għandhom ukoll jiġu rikonoxxuti bis-sħiħ bħala manutenzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-formulazzjoni attwali tal-ittra (b) toħloq riskju li l-appoġġ tal-PAK jingħata għall-manutenzjoni passiva tal-art aktar milli għall-biedja attiva. L-emenda tiċċara li l-

manutenzjoni tal-art għandha tirrikjedi intendenza responsabbli tal-azjendi agrikoli u konformità mal-istandards ambjentali.

Emenda 581
Jérémy Decerle, Laurence Farreng, Stéphanie Yon-Courtin, Grégory Allione, Pascal Canfin

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	Definizzjonijiet li għandhom jiġu inklużi fil-pjan SNR
	2. "Attività agrikola" għandha tiġi definita bħala waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew it-tnejn li huma:
	(a) il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli, li tinkludi l-attivitajiet kollha mmirati lejn il-kisba ta' dawk il-prodotti; "prodotti agrikoli" tfisser il-prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, kif ukoll il-qoton u l-imsaġar b'newba qasira;
	(b) il-manutenzjoni ta' żona agrikola, li tinkludi l-attivitajiet li għandhom l-għan li jżommu l-art f'kundizzjoni tajba għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni; il-manutenzjoni ta' art tajba għar-ragħa tista' titwettaq esklużivament minn bhejjem li jirgħu f'żoni fejn il-manutenzjoni mekkanika mhijiex possibbli;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dak li qabel kien l-Artikolu 4 tal-SNR, li t-trasferiment tiegħu ġie approvat. Emenda għad-definizzjoni ta' attività agrikola kif proposta fl-Artikolu 1b il-ġdid (Definizzjonijiet li għandhom jiġu inklużi fil-Pjanijiet SNR). Ir-ragħa estensiv irid jiġi rikonoxxut bis-sħiħ bħala attività ta' produzzjoni agrikola fiha nnifisha. Ma għandha tkun meħtieġa l-ebda ġustifikazzjoni

Emenda 582
Jessika van Leeuwen, Sander Smit, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	Definizzjonijiet
	(2) "sostenibbli" tfisser: ekonomikament profittabbli, ambjentalment responsabbli u soċjalment ta' benefiċċju abbażi tal-Artikolu 3(3) tat-TUE, biex jiġi ggarantit il-bilanċ tagħhom u biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-preżent mingħajr ma tiġi kompromessa l-kapaċità tal-ġenerazzjonijiet futuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom stess.
	(3) "sostenibbiltà" tfisser l-integrazzjoni bilanċjata tal-objettivi ekonomiċi, ambjentali u soċjali, f'konformità mal-Artikolu 3(3) tat-TUE, sabiex jiġu żgurati l-profittabbiltà ekonomika, ir-responsabbiltà ambjentali u l-benefiċċju soċjali, filwaqt li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-preżent mingħajr ma tiġi kompromessa l-kapaċità tal-ġenerazzjonijiet futuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom stess.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(Dak li qabel kien l-Artikolu 4, il-punti 14, 15, 17, 23 + tal-SNR def. "bidwi attiv" ittra VdL + l-Artikolu 4(3c), (9c), (16) tal-SNR) test ġdid: (2) definizzjoni ta' "sostenibbli", (3) definizzjoni ta' "sostenibbiltà"

Emenda 583
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	Artikolu 1b (ġdid) - Definizzjonijiet
	Il-punt (6) huwa ssupplimentat kif ġej:
	L-istabbilimenti tat-tagħlim agrikolu, l-ittestjar u r-riċerka operati minn entitajiet legali skont il-liġi pubblika, l-universitajiet, il-korpi professjonali jew l-istituzzjonijiet edukattivi jew tar-riċerka rikonoxxuti skont il-liġi nazzjonali, li huma ġestiti b'mod indipendenti f'termini ta' organizzazzjoni, persunal u kontabbiltà, għandhom jitqiesu bħala stabbilimenti indipendenti għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u l-operaturi tagħhom għandhom jitqiesu bħala benefiċjarji indipendenti f'dan ir-rigward.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Kien hemm qbil biex dak li qabel kien l-Artikolu 4(?) tal-SNR jiġi ttrasferit. Emendi mqabbla mat-test trasferit: Id-definizzjoni ta' "azjenda" hija estiża bl-emenda suġġerita.

Emenda 584
Michal Wiezik, Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	Definizzjonijiet
	5. "Bidwi żagħżugħ" għandu jiġi definit b'tali mod li jissodisfa mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin:
	(a) limitu massimu ta' età stabbilit għal 40 sena;
	(b) ikun "kap tal-azjenda". Meta bidwi jitqies li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" fil-mument tal-ewwel

	aċċess għall-appoġġ, dak l-istatus għandu jinżamm għad-durata kollha tal-perjodu ta' eliġibbiltà stabbilit fl-ambitu tal-iskema ta' appoġġ rilevanti, irrispettivament minn jekk il-bidwi sussegwentement jaqbiżx il-limitu massimu ta' età.

Or. en

Emenda 585
Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	(2) "'Bidwi attiv'
	għandu jiġi ddeterminat b'tali mod li jinkludi primarjament bdiewa li jeżerċitaw attività agrikola fiż-żona agrikola tal-azjenda tagħhom u jikkontribwixxu b'mod attiv għas-sigurtà tal-ikel. Il-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar, li l-attività prinċipali tagħhom ma tkunx attività agrikola, iżda bdiewa pluriattivi li huma involuti f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif stabbilit mill-Istati Membri, u li qed jikkontribwixxu wkoll għas-sigurtà tal-ikel, għandhom jitqiesu wkoll bħala bdiewa attivi. "

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dak li qabel kien l-Artikolu 4(3c) tal-SNR, bi qbil li jiġi trasferit. Emendi mqabbla mat-test trasferit: Punt (2) Inklużjoni ta'"fiż-żona agrikola tal-azjenda tagħhom"; l-inklużjoni ta' "iżda bdiewa pluriattivi li huma involuti f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif stabbilit mill-Istati Membri, u li qed jikkontribwixxu wkoll għas-sigurtà tal-ikel".

Emenda 586

Christine Singer, Asger Christensen, Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	Definizzjonijiet li għandhom jiġu pprovduti fil-Pjanijiet SNR
	4a l-ewwel subparagrafu (ġdid)
	Għall-finijiet tal-punt (a), l-Istati Membri ma għandhomx jirrikjedu evidenza dokumentarja rikorrenti rigward il-kontroll tal-bidwi ta' żoni agrikoli fejn tali kontroll ikun diġà ġie stabbilit, sakemm dan ma jkunx iġġustifikat minn bidla fiċ-ċirkostanzi.

Or. en

Emenda 587
Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	Definizzjonijiet
	Definizzjonijiet:
	(a) "Bidwi" tfisser: persuna fiżika jew persuna ġuridika li l-azjenda tagħha tinsab fl-Unjoni u li hija involuta f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif definit mill-Istati Membri.

Or. en

Emenda 588
Jérémy Decerle, Laurence Farreng, Stéphanie Yon-Courtin, Grégory Allione, Pascal Canfin

Proposta għal regolament
Artikolu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1c
	5. Id-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" hija fformulata b'tali mod li tissodisfa mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin:
	(a) limitu massimu ta' età ta' 40 sena;
	(b) ikun kiseb l-istatus ta' "maniġer tal-azjenda agrikola" għall-ewwel darba;
	(c) ikollu t-taħriġ jew il-ħiliet xierqa meħtieġa, kif iddeterminati mill-Istati Membri.
	Fil-każ ta' persuni ġuridiċi, mill-inqas persuna fiżika waħda trid tissodisfa l-kriterji applikabbli għall-bdiewa żgħażagħ.
	Ir-rikonoxximent bħala bidwi żagħżugħ jiġi stabbilit mar-reġistrazzjoni permezz tal-punt ta' aċċess uniku previst fl-Artikolu 16(3)
	6. It-terminu "bidwi ġdid" għandu tiġi definit bħala li jirreferi għal bidwi li ma jkunx bidwi żagħżugħ u li jkun qed jassumi r-rwol ta' "kap tal-azjenda" għall-ewwel darba. L-Istati Membri għandhom jinkludu aktar rekwiżiti oġġettivi u mhux diskriminatorji fir-rigward tat-taħriġ u tal-ħiliet xierqa. Huma għandhom jiżguraw ukoll li l-persuna ma tkunx qrib l-età tal-irtirar.
	Fil-każ ta' persuni ġuridiċi, mill-inqas persuna fiżika waħda trid tissodisfa l-kriterji applikabbli għall-bdiewa żgħażagħ.

Or. en

Emenda 589
Barry Cowen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1c
	Definizzjonijiet
	"Bidwi attiv" għandu jiġi ddeterminat b'tali mod li jiġi żgurat li l-appoġġ jingħata biss lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jew lill-gruppi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, involuti f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, filwaqt li mhux neċessarjament jiġi prekluż l-għoti ta' appoġġ lil bdiewa pluriattivi jew part-time. Meta jiddeterminaw min għandu jkun "bidwi attiv", l-Istati Membri għandhom japplikaw kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, bħal testijiet tal-introjtu, inputs ta' xogħol fl-azjenda agrikola, l-għan tal-kumpanija u l-inklużjoni tal-attivitajiet agrikoli tagħhom fir-reġistri nazzjonali jew reġjonali. Tali kriterji jistgħu jiġu introdotti f'forma waħda jew aktar magħżula mill-Istati Membri, inkluż permezz ta' lista negattiva li tiskwalifika bidwi milli jitqies bħala bidwi attiv. Jekk Stat Membru jikkunsidra bħala "bdiewa attivi" dawk il-bdiewa li ma rċevewx pagamenti diretti li qabżu ċertu ammont għas-sena preċedenti, dan l-ammont ma għandux ikun ogħla minn EUR 5 000.

Or. en

Emenda 590
Ciaran Mullooly, Christine Singer, Michael McNamara

Proposta għal regolament
Artikolu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1c

3. "Żona agrikola"

għandha tiġi definita b'tali mod li tinkludi biss art li tintuża għal attivitajiet agrikoli, inkluż meta tifforma sistemi agroforestali.

(i) artijiet li jintużaw għal attivitajiet agrikoli inkluż meta jiffurmaw sistemi agroforestali u sistemi ta' kultivazzjoni tal-għadajjar;

(ii) artijiet li jipprovdu u jtejbu l-bijodiversità inklużi żoni li fihom siġar jew arbuxelli li jistgħu jintużaw għar-ragħa u li jiffurmaw parti minn prattiki lokali stabbiliti jew żoni fejn il-ħxejjex u foraġġ erbaċew ieħor tradizzjonalment ma jkunux predominanti li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi tal-PAK relatati mal-ambjent u mal-klima, inkluż meta jiffurmaw pajsaġġi b'valur naturali għoli;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 1b (ġdid) (Dak li qabel kien l-Artikolu 4, il-punt 22 tal-SNR) bi qbil li jiġi trasferit. Emendi mqabbla mat-test trasferit: Punt (3) Inklużjoni tal-paragrafi (i) u (ii) bħal hawn fuq.

Emenda 591
Maria Walsh

Proposta għal regolament
Artikolu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1c
	Definizzjonijiet
	Id-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" għandha ssir b'tali mod li tissodisfa mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin:
	(a) il-bidwi għandu 40 sena jew iżgħar;
	(b) il-bidwi huwa l-"kap tal-azjenda".
	(c) it-taħriġ jew il-ħiliet xierqa meħtieġa, kif iddeterminati mill-Istati Membri.

Meta bidwi jitqies li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" fil-mument tal-ewwel aċċess għall-appoġġ, l-istatus għandu jinżamm għad-durata kollha tal-perjodu ta' eliġibbiltà stabbilit taħt l-iskema ta' appoġġ rilevanti, irrispettivament minn jekk il-bidwi sussegwentement jaqbiżx il-limitu massimu tal-età.

Or. en

Ġustifikazzjoni

dak li qabel kien l-Artikolu 4, il-punt 22(d) tal-SNR. Id-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" ġiet emendata biex tintroduċi mill-ġdid il-kriterji edukattivi tal-użu ta' ħiliet jew taħriġ xierqa biex wieħed jitqies bħala "bidwi żagħżugħ".

Emenda 592
Christine Singer, Asger Christensen, Barry Cowen, Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1c
	Definizzjonijiet li għandhom jiġu pprovduti fil-Pjanijiet SNR
	5a l-ewwel subparagrafu (ġdid)
	limitu massimu ta' età stabbilit bejn 35 u 40 sena; L-Istati Membri jistgħu jipprevedu limitu massimu ta' età ogħla jew estensjoni ekwivalenti tal-perjodu ta' eliġibbiltà, b'mod partikolari għan-nisa, fejn l-aċċess għall-biedja jew l-istabbiliment bħala kap tal-azjenda jkun ġie ttardjat minħabba tqala, maternità, liv tal-ġenituri, responsabbiltajiet ta' kura jew interruzzjonijiet fil-karriera ġġustifikati komparabbli;

Or. en

Emenda 593
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1c
	Suġġett u definizzjonijiet
	"Bidwi ġdid u żagħżugħ" tfisser bidwi, li huwa l-kap ta' azjenda u li l-età tiegħu ma taqbiżx l-età legali tal-irtirar li fiha jinkiseb id-dritt għal pensjoni shiħa fl-Istat Membru kkonċernat b'aktar minn għaxar snin.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-SNR preċedenti, l-Art. 4 il-punti 14, 15, 17, 23 + id-definizzjoni ta' "bidwi attiv" l-ittra VdL + SNR, l-Art. 4(3c), (9c) u (16)

Emenda 594
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1c
	Definizzjonijiet
	3. "Żona agrikola" għandha tiġi definita b'tali mod li tinkludi biss art li tintuża għal attivitajiet agrikoli, inkluż meta tifforma sistemi agroforestali u meta tintuża għall-kultivazzjoni tal-għadajjar;

Or. en

Emenda 595
Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1d
	Definizzjonijiet li għandhom jiġu pprovduti fil-Pjanijiet SNR
	4. "Ettaru eliġibbli" għandu jiġi ddeterminat b'tali mod li tinkludi biss żoni li jkunu għad-dispożizzjoni tal-bdiewa u li jinkludu:
	a) żoni agrikoli li fuqhom titwettaq attività agrikola. Jekk jitwettqu wkoll attivitajiet mhux agrikoli f'dawn iż-żoni, l-attività agrikola għandha tkun predominanti.
	(b) żoni li għalihom ġie pprovdut appoġġ skont l-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) u (g), [appoġġ digressiv għall-introjtu, bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar] ta' dan ir-Regolament, jew ingħata d-dritt ta' pagamenti taħt l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà skont it-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima 2, is-Subtaqsima 2, [BISS [l-intitolamenti inklużi kollha], l-iskema għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar], tar-Regolament (UE) 2021/2115, meta l-attività agrikola ma titwettaqx minħabba impenji u obbligi li jirriżultaw minn interventi tal-Unjoni jew nazzjonali jew programmi oħra li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi tal-PAK relatati mal-ambjent u mal-klima;
	(c) L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jinkludu fil-kunċett ta' "ettaru eliġibbli" karatteristiċi tal-pajsaġġ, mhux koperti mill-impenji u mill-iskemi msemmija fil-punt (b), dment li dawn il-karatteristiċi tal-pajsaġġ ma jfixklux b'mod sinifikanti l-prestazzjoni tal-attività agrikola u ma jkunux predominanti fuq il-biċċa raba'.
	Fir-rigward tal-bwar permanenti b'elementi ineliġibbli mferrxa, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw

koeffiċjenti ta' tnaqqis fissi biex tiġi ddeterminata ż-żona meqjusa eliġibbli;

L-art titqies għad-dispożizzjoni tal-bidwi, dment li bidwi ieħor ma jagħmilx talba għall-istess roqgħa art, is-sid tal-art jinforma lill-aġenzija tal-pagamenti li ma jawtorizzax lill-bidwi biex juża l-art tiegħu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ce point porte premièrement sur les terres à disposition, afin de trouver un équilibre entre la réalité des preuves pouvant être apportées et la charge administrative.

Il est proposé d'instaurer une présomption que l'agriculteur dispose des terres, sauf en cas d'éléments contraires portés à la connaissance de l'administration.

Il est par ailleurs important de réintroduire dans le texte la possibilité de calculer les surfaces admissibles sur prairies permanentes par le moyen d'un prorata d'admissibilité.

Emenda 596
Arash Saeidi, Luke Ming Flanagan, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1d
	Is-sovranità tal-ikel tirreferi għad-dritt tan-nies, tal-Istati tagħhom jew tal-Unjoni li jiddefinixxu l-politika agrikola u tal-ikel tagħhom, mingħajr dumping fil-konfront ta' pajjiżi terzi. Dan jinvolvi l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' protezzjoni ekonomika biex jiġu ssalvagwardjati s-sovranità tal-ikel, ir-reżiljenza tas-sistemi agrikoli u s-sigurtà tal-ikel. Dawn għandhom jinkludu b'mod partikolari:
	(a) il-prijoritizzazzjoni tal-produzzjoni agrikola lokali biex titma' l-popolazzjoni, l-aċċess għall-art, għall-ilma, għaż-żrieragħ u għall-kreditu. Għalhekk il-ħtieġa ta' riformi tal-art, il-ġlieda kontra

l-OĠM għal aċċess liberu għaż-żieragħ, u l-ħtieġa li l-ilma jinżamm bħala ben pubbliku li għandu jiġi distribwit b'mod sostenibbli;

(b) id-dritt tal-bdiewa li jipproduċu l-ikel u d-dritt tal-konsumaturi li jiddeċiedu liema ikel iridu jikkunsmaw, min jipproduċih u kif;

(c) id-dritt tal-Istati li jipproteġu lilhom infushom mill-importazzjonijiet agrikoli u tal-ikel bi prezzijiet aktar baxxi mill-kostijiet tal-produzzjoni jew li jirriżultaw minn prattiki ta' kompetizzjoni inġusta. Għal dan l-għan, l-Istati Membri jew l-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jintaxxaw l-importazzjonijiet bi prezz baxx wisq, jimpenjaw ruħhom favur produzzjoni agrikola sostenibbli u jikkontrollaw il-produzzjoni fis-suq intern sabiex jiġu evitati eċċessi strutturali;

(d) il-parteċipazzjoni pubblika fl-għażliet tal-politika agrikola;

(e) ir-rikonoxximent tad-drittijiet tal-bdiewa, li għandhom rwol ewlieni fil-produzzjoni agrikola u tal-ikel.

Or. fr

Emenda 597
Ciaran Mullooly, Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1d
	4. "Ettaru eliġibbli"
	għandu jiġi definit b'tali mod li tinkludi biss żoni li jkunu għad-dispożizzjoni tal-bdiewa u li jinkludu:
	(a) żoni agrikoli li fuqhom titwettaq attività agrikola taħt il-kontroll tal-bidwi f'termini ta' ġestjoni, benefiċċji u riskji

finanzjarji inklużi artijiet b'impenji ta' ġestjoni biex jikkonformaw mar-rekwiżiti u mal-obbligi li jirriżultaw minn interventi tal-Unjoni jew nazzjonali jew programmi oħra li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi tal-PAK relatati mal-ambjent u mal-klima; Jekk jitwettqu wkoll attivitajiet mhux agrikoli f'dawn iż-żoni, l-attività agrikola għandha tkun predominanti. meta jkun debitament ġustifikat għal raġunijiet ambjentali, relatati mal-bijodiversità u mal-klima, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-ettari eliġibbli jinkludu wkoll ċerti żoni użati għal attivitajiet agrikoli kull tieni sena biss:

(b) żoni li għalihom huwa pprovdut appoġġ skont l-Artikolu 5(1), il-punti (a) u (g) [appoġġ digressiv għall-introjtu, bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar] ta' dak ir-Regolament, jew fl-ambitu tal-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà skont it-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima 2, is-Subtaqsima 2, [BISS [l-intitolamenti inklużi kollha], l-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju tar-Regolament (UE) 2021/2115, meta l-attività agrikola ma titwettaqx minħabba impenji u obbligi li jirriżultaw minn interventi tal-Unjoni jew nazzjonali jew programmi oħra li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi tal-PAK relatati mal-ambjent u mal-klima;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Article 1b (new) (Former NRP Art.4 point 22) agreed to be transferred. Amendments compared to the transferred text: Point (4)(a) Insertion of sentences "risks including lands that are under management commitments to comply with requirements and obligations arising from Union or national interventions or other programmes which contribute to the environmental and climate-related CAP specific objectives" and "where duly justified for environmental, biodiversity and climate-related reasons, Member States may decide that eligible hectares also include certain areas used for agricultural activities only every second year" and replacement of "small farmers scheme" with "small and medium sized agricultural holdings", insertion of "by an individual farmer"

Emenda 598
Barry Cowen

Proposta għal regolament
Artikolu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1d
	Definizzjonijiet
	Lista negattiva tal-bdiewa attivi
	L-Istati Membri għandhom jeskludu mill-kunċett ta' "bidwi attiv" il-kategoriji li ġejjin ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi u gruppi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi:
	1. Korpi jew aġenziji tal-gvern, korpi pubbliċi reġjonali u lokali;
	2. Ajruporti, servizzi ferrovjarji, kumpaniji tas-servizzi tal-ilma;
	3. Kumpaniji li jipprovdu servizzi ta' proprjetà immobbli, li jwettqu attivitajiet ta' intermedjazzjoni fix-xiri, fil-bejgħ u fil-kiri ta' proprjetà kif ukoll kumpaniji ta' konsulenza kummerċjali u entitajiet li jipprovdu pariri maniġerjali oħra;
	4. Entitajiet bi grawnds permanenti għall-isport u għar-rikreazzjoni;
	5. Kumpaniji tal-bejgħ bl-imnut;
	6. Kumpaniji tal-estrazzjoni fil-minjieri u tal-kostruzzjoni;
	7. Banek, kumpaniji tal-assigurazzjoni u tal-investiment, kumpaniji tal-ġestjoni tal-ekwità privata u fondi;
	8. Sptarijiet u faċilitajiet tal-kura tas-saħħa;
	L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jżidu mal-lista fil-paragrafu b attivitajiet jew negozji oħra. Fil-każ ta' persuna ġuridika jew gruppi ta' persuni ġuridiċi, il-valutazzjoni ta' jekk applikant jaqax fil-lista fil-paragrafu b. għandha tkopri l-entitajiet kollha taħt il-kontroll ta' persuna ġuridika jew fiżika waħda.

Or. en

Emenda 599
Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1d
	Definizzjonijiet li għandhom jiġu pprovduti fil-Pjanijiet SNR
	5b (ġdid)
	Fil-każ ta' azjenda agrikola kooperattiva, bħala kooperattiva ġuridika, entità ġuridika komparabbli jew assoċjazzjoni ta' persuni fiżiċi jew entitajiet ġuridiċi, membru individwali ta' dik l-azjenda agrikola kooperattiva għandu jikkwalifika wkoll bħala bidwi żagħżugħ, dment li l-membri jipparteċipaw fuq l-istess livell fl-azjenda.

Or. en

Emenda 600
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1d
	Definizzjonijiet
	"forestrija qrib in-natura" tfisser ġestjoni tal-foresti li tippromwovi d-dipendenza fuq id-dinamika tal-ekosistema tal-foresti naturali u kumplessa, fejn id-deċiżjonijiet ikunu bbażati b'mod partikolari fuq id-dinamika tas-suċċessjoni naturali u l-interazzjonijiet tal-ispeċijiet u li, kemm fil-

	livell tal-popolament kif ukoll f'dak tal-pajsaġġ, hija kkaratterizzata minn foresta ta' diversi stadji ta' żvilupp.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Definizzjoni meħuda mill-opinjoni tal-Kumitat ENVI dwar il-PSNR.

Emenda 601
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 1e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1e
	Definizzjonijiet
	"Tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni reżiljenti" tfisser bidla fis-sistema marbuta biż-żmien li tipprovdi titjib li jista' jitkejjel fil-prestazzjoni klimatika, ambjentali, tal-bijodiversità jew tal-benesseri tal-annimali, li tmur lil hinn minn aġġustamenti inkrementali għall-prattiki eżistenti.

Or. en

Emenda 602
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK u tmexxija	***Objettivi ġenerali*** tal-PAK u tmexxija

Or. en

Ġustifikazzjoni

Regolament dwar il-PAK tal-UE jeħtieġ pedamenti legali b'saħħithom ibbażati fuq objettivi komuni u mhux sempliċement "rakkomandazzjonijiet".

Emenda 603
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tadotta ***rakkomandazzjonijiet nazzjonali*** tal-PAK li jipprovdu gwida lil kull Stat Membru għall-implimentazzjoni tal-objettivi speċifiċi rilevanti għall-PAK stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punt (d), tar-Regolament (UE) [...] [SNR], fil-Pjanijiet SNR tagħhom f'konformità mal-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament qabel il-preżentazzjoni tal-Pjanijiet SNR mill-Istati Membri. ***Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK għandhom ikunu bbażati fuq dan li ġej***:	Il-Kummissjoni għandha tadotta ***objettivi ġenerali biex jintlaħqu l-għanijiet*** tal-PAK ***kif stabbiliti fl-Artikolu 38 tat-TFUE,*** li jipprovdu gwida lil kull Stat Membru għall-implimentazzjoni tal-objettivi speċifiċi rilevanti għall-PAK stabbiliti ***f'dan ir-Regolament u*** fl-Artikolu 3, il-punt (d), tar-Regolament (UE) [...] [SNR], fil-Pjanijiet SNR tagħhom f'konformità mal-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament qabel il-preżentazzjoni tal-Pjanijiet SNR mill-Istati Membri. ***l-objettivi ġenerali għandu jkollhom l-għan li jkomplu jtejbu l-iżvilupp sostenibbli tal-biedja, tal-ikel u taż-żoni rurali u għandhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, u huma dawn li ġejjin***: ***(i) li jitrawwem settur agrikolu innovattiv, ekonomikament reżiljenti u diversifikat li jiżgura s-sovranità tal-ikel fit-tul fl-UE;*** ***(ii) li tiġi appoġġata u msaħħa l-protezzjoni ambjentali, inklużi l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih u li jsir kontribut għall-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni relatati mal-ambjent u mal-klima;*** ***(iii) li tissaħħaħ in-nisġa soċjali u ekonomika taż-żoni rurali, inkluż l-appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ u nisa.***

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jkun hemm objettiv ġenerali stabbilit fil-livell tal-UE li jkun komuni għall-Istati Membri kollha biex tinżamm il-komunalità tal-politika u biex jinżammu kundizzjonijiet ekwi.

Emenda 604
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Pär Holmgren, Martin Häusling

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tadotta rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK li jipprovdu gwida lil kull Stat Membru għall-implimentazzjoni tal-objettivi speċifiċi rilevanti għall-PAK stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punt (d), tar-Regolament (UE) [...] [SNR], fil-Pjanijiet SNR tagħhom f'konformità mal-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament qabel il-preżentazzjoni tal-Pjanijiet SNR mill-Istati Membri. Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK għandhom ikunu ***bbażati fuq*** dan li ġej:	Il-Kummissjoni għandha tadotta rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK li jipprovdu gwida lil kull Stat Membru għall-implimentazzjoni tal-objettivi speċifiċi rilevanti għall-PAK stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punt (d), tar-Regolament (UE) [...] [SNR], fil-Pjanijiet SNR tagħhom f'konformità mal-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament qabel il-preżentazzjoni tal-Pjanijiet SNR mill-Istati Membri. ***Dawn għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni tal-ħtieġa derivata mill-ġbir ta' evidenza aġġornata, li tinkludi indikaturi tal-impatt u tal-kuntest tal-PAK[1a] u data ta' osservazzjoni u monitoraġġ agronomika u ambjentali, inkluż minn, fost l-oħrajn, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, speċifikament ir-rapport tagħha dwar l-Istat tal-Ambjent u l-Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa, u l-Bordijiet Konsultattivi Xjentifiċi Ewropej dwar it-Tibdil fil-Klima f'kull Stat Membru, u għandhom b'mod partikolari jidderieġu lejn azzjoni msaħħa fir-rigward tal-ambjent, tal-klima u tal-benessri tal-annimali, kif ukoll itejbu s-sitwazzjoni għall-bdiewa żgħażagħ u għas-settur organiku.*** Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK

għandhom ikunu ***mmirati lejn*** dan li ġej:

---

*[1a] **L-Anness I tar-Regolament dwar il-PAK Nru 2021/2115***

Or. en

Emenda 605
Céline Imart, Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tadotta rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK li jipprovdu gwida lil kull Stat Membru għall-implimentazzjoni tal-objettivi speċifiċi rilevanti għall-PAK stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punt (d), tar-Regolament (UE) [...] [SNR], fil-Pjanijiet SNR tagħhom f'konformità mal-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament qabel il-preżentazzjoni tal-Pjanijiet SNR mill-Istati Membri. Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK ***għandhom ikunu*** bbażati fuq ***dan li ġej***:	Il-Kummissjoni għandha tadotta rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK li jipprovdu gwida ***strateġika ġenerali mhux vinkolanti*** lil kull Stat Membru għall-implimentazzjoni tal-objettivi speċifiċi rilevanti għall-PAK stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punt (d), tar-Regolament (UE) [...] [SNR], fil-Pjanijiet SNR tagħhom f'konformità mal-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament***, filwaqt li jenfasizzaw b'mod partikolari s-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-bdiewa,*** qabel il-preżentazzjoni tal-Pjanijiet SNR mill-Istati Membri. Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK ***huma*** bbażati fuq ***l-objettivi ġenerali tas-sovranità tal-ikel u tal-agrikoltura, l-istabbiltà tal-introjtu, il-kompetittività tal-agrikoltura u l-iżvilupp ta' żoni rurali reżiljenti u dinamiċi, inklużi***:

Or. fr

Emenda 606
Nina Carberry, Maria Walsh

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tadotta rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK li jipprovdu gwida lil kull Stat Membru għall-implimentazzjoni tal-objettivi speċifiċi rilevanti għall-PAK stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punt (d), tar-Regolament (UE) [...] [SNR], fil-Pjanijiet SNR tagħhom f'konformità mal-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament qabel il-preżentazzjoni tal-Pjanijiet SNR mill-Istati Membri. Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK għandhom ikunu bbażati fuq ***dan li ġej***:	Il-Kummissjoni għandha tadotta rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK li jipprovdu gwida ***strateġika wiesgħa mhux vinkolanti*** lil kull Stat Membru għall-implimentazzjoni tal-objettivi speċifiċi rilevanti għall-PAK stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punt (d), tar-Regolament (UE) [...] [SNR], fil-Pjanijiet SNR tagħhom f'konformità mal-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament ***b'enfasi speċifika fuq il-kisba ta' vijabbiltà ekonomika akbar, is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-bdiewa*** qabel il-preżentazzjoni tal-Pjanijiet SNR mill-Istati Membri. Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK għandhom ikunu bbażati fuq ***objettivi ġenerali tas-sovranità tal-ikel u tal-agrikoltura, tal-istabbiltà tal-introjtu, tal-kompetittività fl-agrikoltura, u tal-iżvilupp ta' żoni rurali reżiljenti u vibranti, inklużi dawn li ġejjin***:

Or. en

Emenda 607
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tadotta rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK li jipprovdu gwida lil kull Stat Membru għall-implimentazzjoni tal-objettivi speċifiċi rilevanti għall-PAK stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punt (d), tar-Regolament (UE) […] [SNR], fil-Pjanijiet SNR tagħhom f'konformità mal-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament qabel il-preżentazzjoni tal-Pjanijiet SNR mill-Istati Membri. Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK għandhom ikunu bbażati fuq dan li ġej:	Il-Kummissjoni għandha tadotta rakkomandazzjonijiet nazzjonali ***mhux vinkolanti*** tal-PAK li jipprovdu gwida lil kull Stat Membru għall-implimentazzjoni tal-objettivi speċifiċi rilevanti għall-PAK stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punt (d), tar-Regolament (UE) […] [SNR], fil-Pjanijiet SNR tagħhom f'konformità mal-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament***, b'enfasi fuq is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv u burokratiku fuq il-bdiewa,*** qabel il-preżentazzjoni tal-Pjanijiet SNR mill-Istati Membri. Ir-

rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK għandhom ikunu bbażati fuq dan li ġej: ***objettivi ġenerali fir-rigward tas-sovranità tal-ikel u agrikola, l-istabbiltà tal-introjtu, il-kompetittività agrikola, u l-iżvilupp ta' żoni rurali reżiljenti u vibranti, inklużi***:

Or. ro

Emenda 608
Barry Cowen, Asger Christensen, Christine Singer, Elsi Katainen

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tadotta rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK li jipprovdu gwida lil kull Stat Membru għall-implimentazzjoni tal-objettivi speċifiċi rilevanti għall-PAK stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punt (d), tar-Regolament (UE) [...] [SNR], fil-Pjanijiet SNR tagħhom f'konformità mal-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament qabel il-preżentazzjoni tal-Pjanijiet SNR mill-Istati Membri. Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK għandhom ikunu bbażati fuq ***dan li ġej***:	Il-Kummissjoni għandha tadotta rakkomandazzjonijiet nazzjonali ***mhux vinkolanti*** tal-PAK li jipprovdu gwida lil kull Stat Membru għall-implimentazzjoni tal-objettivi speċifiċi rilevanti għall-PAK stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punt (d), tar-Regolament (UE) [...] [SNR], fil-Pjanijiet SNR tagħhom f'konformità mal-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolamen***t, b'enfasi speċifika fuq il-kisba ta' vijabbiltà ekonomika akbar, is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-bdiewa,*** qabel il-preżentazzjoni tal-Pjanijiet SNR mill-Istati Membri. Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK għandhom ikunu bbażati fuq ***objettivi ġenerali tas-sovranità tal-ikel u tal-agrikoltura, tal-istabbiltà tal-introjtu, tal-kompetittività fl-agrikoltura, u tal-iżvilupp ta' żoni rurali reżiljenti u vibranti, inklu***ż:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-Kummissjoni jridu jibqgħu mhux vinkolanti, u joffru lill-Istati Membri gwida strateġika wiesgħa dwar objettivi ġenerali bħas-sovranità tal-ikel, l-introjtu ġust, u l-kompetittività, ir-reżiljenza u l-iżvilupp tal-agrikoltura u ż-żoni rurali, aktar milli rekwiżiti preskrittivi għall-Pjanijiet Nazzjonali. It-trattament tagħhom bħala obbligatorji jimmina l-flessibbiltà proprja li l-proposti tal-Kummissjoni huma mfassla biex jippreżervaw,

u għalhekk ir-Regolament għandu jiddefinixxi b'mod espliċitu l-karattru mhux vinkolanti tagħhom.

Emenda 609
Carlo Fidanza, Waldemar Buda, Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tisħiħ tal-azzjoni klimatika, tal-provvista tas-servizzi tal-ekosistema, tas-soluzzjonijiet ċirkolari, tal-konservazzjoni tal-bijodiversità u tar-riżorsi naturali, tal-biedja sostenibbli u tat-titjib tal-benessri tal-annimali;	(c) it-tisħiħ tal-azzjoni klimatika, tal-provvista tas-servizzi tal-ekosistema, tas-soluzzjonijiet ċirkolari, tal-konservazzjoni ***u tar-restawr*** tal-bijodiversità u tar-riżorsi naturali***, it-tnaqqis tad-dipendenza fuq l-għalf importat***, ***it-tisħiħ*** tal-biedja sostenibbli u tat-titjib tal-benessri tal-annimali***, inkluża t-tranżizzjoni lejn standards tal-benessri allinjati mal-evidenza xjentifika l-aktar reċenti***;

Or. en

Emenda 664
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tisħiħ tal-azzjoni klimatika, tal-provvista tas-servizzi tal-ekosistema, tas-soluzzjonijiet ċirkolari, tal-konservazzjoni tal-bijodiversità u tar-riżorsi naturali, ***tal-biedja sostenibbli u tat-titjib tal-benessri*** tal-annimali***;***	(c) it-tisħiħ tal-azzjoni klimatika, tal-provvista tas-servizzi tal-ekosistema, tas-soluzzjonijiet ċirkolari, tal-konservazzjoni tal-bijodiversità u tar-riżorsi naturali, ***kif ukoll il-promozzjoni ta' prattiki agrikoli sostenibbli li jiggarantixxu u jtejbu l-benessri*** tal-annimali ***u t-tranżizzjoni lejn standards tal-benessri konformi ma' dawk l-aktar reċenti ppruvati xjentifikament.***

Or. fr

Emenda 665
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c) it-tisħiħ tal-azzjoni klimatika, tal-provvista tas-servizzi tal-ekosistema, tas-soluzzjonijiet ċirkolari, tal-konservazzjoni tal-bijodiversità u tar-riżorsi naturali, tal-biedja sostenibbli u tat-titjib tal-benessri tal-annimali;	c) it-tisħiħ tal-azzjoni klimatika, tal-provvista tas-servizzi tal-ekosistema, tas-soluzzjonijiet ċirkolari, tal-konservazzjoni tal-bijodiversità u tar-riżorsi naturali, tal-biedja sostenibbli u tat-titjib tal-benessri tal-annimali***, u tiġi evitata kull diskriminazzjoni kontra produzzjonijiet agrikoli jew tal-bhejjem li jissodisfaw ir-rekwiżiti obbligatorji applikabbli***;

Or. es

Emenda 666
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tisħiħ tal-azzjoni klimatika, tal-provvista tas-servizzi tal-ekosistema, tas-soluzzjonijiet ċirkolari, tal-konservazzjoni	(c) it-tisħiħ tal-azzjoni klimatika, tal-provvista tas-servizzi tal-ekosistema, tas-soluzzjonijiet ċirkolari, tal-konservazzjoni

tal-bijodiversità u tar-riżorsi naturali, tal-biedja sostenibbli u tat-titjib tal-benessri tal-annimali;	tal-bijodiversità u tar-riżorsi naturali, tal-biedja sostenibbli u tat-titjib tal-benessri tal-annimali***, inkluża t-tranżizzjoni lejn standards għall-benessri tal-annimali bbażati fuq l-aħħar sejbiet xjentifiċi***;

Or. de

Emenda 667
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tisħiħ tal-azzjoni klimatika, tal-provvista tas-servizzi tal-ekosistema, tas-soluzzjonijiet ċirkolari, tal-konservazzjoni tal-bijodiversità u tar-riżorsi naturali, tal-biedja sostenibbli u tat-titjib tal-benessri tal-annimali;	(c) it-tisħiħ tal-azzjoni klimatika, tal-provvista tas-servizzi tal-ekosistema, tas-soluzzjonijiet ċirkolari ***bħall-użu ta' demel tal-bhejjem għall-produzzjoni tal-bijoenerġija u tal-fertilizzanti organiċi***, tal-konservazzjoni tal-bijodiversità u tar-riżorsi naturali, tal-biedja sostenibbli u tat-titjib tal-benessri tal-annimali;

Or. pt

Emenda 668
Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tisħiħ tal-azzjoni klimatika, tal-provvista tas-servizzi tal-ekosistema, tas-soluzzjonijiet ċirkolari, tal-konservazzjoni tal-bijodiversità u tar-riżorsi naturali, tal-biedja sostenibbli u tat-titjib tal-benessri tal-annimali;	(c) it-tisħiħ tal-azzjoni klimatika, tal-provvista tas-servizzi tal-ekosistema, tas-soluzzjonijiet ċirkolari, tal-konservazzjoni tal-bijodiversità u tar-riżorsi naturali, tal-biedja sostenibbli***, tat-tranżizzjoni lejn prattiki riġenerattivi li jiffukaw fuq is-saħħa tal-ħamrija,*** u tat-titjib tal-benessri tal-annimali;

Or. en

Emenda 669
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo, Maria Noichl, Camilla Laureti, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tisħiħ ***tal-azzjoni klimatika***, tal-provvista tas-servizzi tal-ekosistema, tas-soluzzjonijiet ċirkolari, ***tal-konservazzjoni*** tal-bijodiversità u tar-riżorsi naturali, tal-biedja sostenibbli u tat-titjib tal-benessri tal-annimali;	(c) it-tisħiħ ***tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih***, tal-provvista tas-servizzi tal-ekosistema, tas-soluzzjonijiet ċirkolari, ***it-tisħiħ*** tal-bijodiversità u ***tal-konservazzjoni*** tar-riżorsi naturali, tal-biedja sostenibbli u ***tal-forestrija u*** tat-titjib tal-benessri tal-annimali;

Or. en

Emenda 670
Michal Wiezik, Emma Wiesner

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tisħiħ tal-azzjoni klimatika, tal-provvista tas-servizzi tal-ekosistema, tas-soluzzjonijiet ċirkolari, tal-konservazzjoni tal-bijodiversità u tar-riżorsi naturali, tal-biedja sostenibbli u tat-titjib tal-benessri tal-annimali;	(c) it-tisħiħ ***tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u*** tal-azzjoni klimatika, tal-provvista tas-servizzi tal-ekosistema, tas-soluzzjonijiet ċirkolari, tal-konservazzjoni ***u tar-restawr*** tal-bijodiversità u tar-riżorsi naturali, tal-biedja sostenibbli u tat-titjib tal-benessri tal-annimali;

Or. en

Emenda 671

Barry Cowen, Asger Christensen, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Charles Goerens, Benoit Cassart, Christine Singer, Elsi Katainen, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tisħiħ ***tal-azzjoni klimatika***, tal-provvista tas-servizzi tal-ekosistema, tas-soluzzjonijiet ċirkolari, tal-konservazzjoni tal-bijodiversità u tar-riżorsi naturali, tal-biedja sostenibbli u tat-titjib tal-benessri tal-annimali;	(c) it-tisħiħ ***tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih***, tal-provvista tas-servizzi tal-ekosistema, tas-soluzzjonijiet ċirkolari, tal-konservazzjoni tal-bijodiversità u tar-riżorsi naturali, tal-biedja sostenibbli u tat-titjib ***tas-saħħa u*** tal-benessri tal-annimali;

Or. en

Emenda 672
Céline Imart, Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tisħiħ tal-azzjoni klimatika, tal-provvista tas-servizzi tal-ekosistema, tas-soluzzjonijiet ċirkolari, tal-konservazzjoni tal-bijodiversità u tar-riżorsi naturali, tal-biedja sostenibbli u tat-titjib tal-benessri tal-annimali;	(c) it-tisħiħ tal-azzjoni klimatika, tal-provvista tas-servizzi tal-ekosistema, tas-soluzzjonijiet ċirkolari, tal-konservazzjoni tal-bijodiversità u tar-riżorsi naturali, tal-biedja sostenibbli u tat-titjib ***tas-saħħa u*** tal-benessri tal-annimali;

Or. fr

Emenda 673
Maria Walsh

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tisħiħ tal-azzjoni klimatika, tal-provvista tas-servizzi tal-ekosistema, tas-	(c) it-tisħiħ tal-azzjoni klimatika, tal-provvista tas-servizzi tal-ekosistema, tas-

soluzzjonijiet ċirkolari, tal-konservazzjoni tal-bijodiversità u tar-riżorsi naturali, tal-biedja sostenibbli u tat-titjib tal-benessri tal-annimali;	soluzzjonijiet ċirkolari, tal-konservazzjoni tal-bijodiversità u tar-riżorsi naturali, tal-biedja sostenibbli u tat-titjib ***tas-saħħa u*** tal-benessri tal-annimali;

Or. en

Emenda 674
Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***it-tisħiħ tal-azzjoni klimatika***, ***tal-provvista*** tas-servizzi tal-ekosistema***, tas-soluzzjonijiet ċirkolari***, ***tal-konservazzjoni*** tal-bijodiversità u tar-riżorsi naturali, ***tal-biedja*** sostenibbli u ***tat-titjib*** tal-benessri tal-annimali;	(c) ***il-kontribut għall-adattament għat-tibdil fil-klima***, ***għall-provvista*** tas-servizzi tal-ekosistema, ***għall-konservazzjoni*** tal-bijodiversità u tar-riżorsi naturali, ***għall-biedja*** sostenibbli u ***għat-titjib*** tal-benessri tal-annimali;

Or. en

Emenda 675
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-allokazzjoni tal-appoġġ biex jiżdied is-sehem tal-art agrikola ġestita taħt l-iskema tal-biedja organika;

Or. en

Emenda 676
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1– subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-titjib tar-reżiljenza, tat-tħejjija tal-bdiewa u tal-kapaċità li jlaħħqu mal-kriżijiet u r-riskji;	***imħassar***

Or. en

Emenda 677
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1– subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-titjib tar-reżiljenza, tat-tħejjija tal-bdiewa u tal-kapaċità li jlaħħqu mal-kriżijiet u r-riskji;	(d) it-titjib tar-reżiljenza ***b'mod partikolari tal-adattament għat-tibdil fil-klima***, tat-tħejjija tal-bdiewa u tal-kapaċità li jlaħħqu mal-kriżijiet u r-riskji***, inkluż permezz tat-tnaqqis tad-dipendenza tal-Unjoni fuq inputs importati, u billi jiġu pprovduti għodod għat-tħejjija tal-bdiewa u tad-detenturi ta' foresti u l-kapaċità tagħhom li jimmaniġġjaw il-kriżijiet u r-riskji, inklużi d-diżastri naturali u l-eventi ta' temp estrem u dawk klimatiċi***;

Or. en

Emenda 678
Maria Walsh

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1– subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-titjib tar-reżiljenza, tat-tħejjija tal-bdiewa u tal-kapaċità li jlaħħqu mal-	(d) it-titjib tar-reżiljenza, tat-tħejjija tal-bdiewa u tal-kapaċità li jlaħħqu mal-

kriżijiet u r-riskji;	kriżijiet u r-riskji***, inkluż permezz ta' kooperazzjoni tul il-ktajjen tal-valur agroalimentari biex jiġu kondiviżi r-riskji, tittejjeb il-ġustizzja u jiġu appoġġati soluzzjonijiet kollettivi ta' adattament għat-tibdil fil-klima, u l-promozzjoni ta' rappreżentanza bilanċjata bejn il-ġeneri fl-istrutturi kooperattivi***;

Or. en

Emenda 679
Emma Wiesner, Christine Singer, Barry Cowen

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1– subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-titjib tar-reżiljenza, ***tat-tħejjija*** tal-bdiewa ***u tal-kapaċità*** li ***jlaħħqu mal-kriżijiet*** u r-riskji;	(d) it-titjib tar-reżiljenza ***billi titnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni fuq l-inputs importati***, ***b'mod partikolari l-għalf tal-annimali, u billi tissaħħaħ l-azzjoni klimatika biex jittejbu t-tħejjija u l-kapaċità*** tal-bdiewa li ***jimmaniġġjaw il-kriżijiet*** u r-riskji;

Or. en

Emenda 680
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1– subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-titjib tar-reżiljenza, tat-tħejjija tal-bdiewa u tal-kapaċità li jlaħħqu mal-kriżijiet u r-riskji;	(d) it-titjib tar-reżiljenza, tat-tħejjija tal-bdiewa u tal-kapaċità li jlaħħqu mal-kriżijiet u r-riskji***, inkluż fil-qasam tal-enerġija, billi jippermettulhom jissupplimentaw l-introjtu tagħhom permezz tal-produzzjoni tal-enerġija agrifotovoltajka***;

Or. pt

Emenda 681
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1– subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***it-titjib*** tar-reżiljenza***, tat-tħejjija*** tal-bdiewa u ***tal-kapaċità*** li jlaħħqu mal-kriżijiet u r-riskji;	(d) ***l-appoġġ*** tar-reżiljenza ***trasformattiva***, ***inkluži r-reżiljenza tal-ilma u l-għoti ta' għodod biex jittejbu t-tħejjija*** tal-bdiewa ***u tad-detenturi tal-foresti, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-kapaċità tagħhom*** li jlaħħqu mal-kriżijiet u r-riskji;

Or. en

Emenda 682
Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1– subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-titjib tar-reżiljenza, tat-tħejjija tal-bdiewa u tal-kapaċità li jlaħħqu mal-kriżijiet u r-riskji;	(d) it-titjib tar-reżiljenza, tat-tħejjija tal-bdiewa u tal-kapaċità li jlaħħqu mal-kriżijiet u r-riskji***, b'mod partikolari kontra t-tfixkil fis-suq u r-riskji sanitarji, fitosanitarji, klimatiċi u ġeopolitiċi***;

Or. en

Emenda 683
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo, Maria Noichl, Camilla Laureti, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1– subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-titjib tar-reżiljenza, tat-tħejjija tal-bdiewa u tal-kapaċità li jlaħħqu mal-kriżijiet u r-riskji;	(d) it-titjib tar-reżiljenza ***tas-settur***, tat-tħejjija tal-bdiewa u tal-kapaċità li jlaħħqu mal-kriżijiet u r-riskji***, inklużi d-diżastri naturali, u l-eventi ta' temp estrem u dawk klimatiċi***;

Or. en

Emenda 684
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1– subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-titjib tar-reżiljenza, tat-tħejjija tal-bdiewa u tal-kapaċità li jlaħħqu mal-kriżijiet u r-riskji;	(d) it-titjib tar-reżiljenza, tat-tħejjija tal-bdiewa u tal-kapaċità li jlaħħqu mal-kriżijiet u r-riskji***, inklużi l-miżuri li għandhom jittieħdu dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima***;

Or. en

Emenda 685
Benoit Cassart, Christine Singer, Michael McNamara, Barry Cowen, Jérémy Decerle, Ciaran Mullooly, Asger Christensen

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1– subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-titjib tar-reżiljenza, tat-tħejjija tal-bdiewa u tal-kapaċità li jlaħħqu mal-kriżijiet u r-riskji;	(d) it-titjib tar-reżiljenza, tat-tħejjija tal-bdiewa u tal-kapaċità li jlaħħqu mal-kriżijiet***, il-mard tal-annimali u*** r-riskji;

Or. en

Emenda 686
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	da) il-ħtieġa li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-bdiewa, għal min irabbi l-bhejjem, għall-kooperattivi u għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi, biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-benefiċjarji u jiġu evitati duplikazzjonijiet bejn ir-rekwiżiti tal-PAK, il-Pjan SNR u strumenti orizzontali oħra tal-Unjoni;

Or. es

Ġustifikazzjoni

Is-simplifikazzjoni għandha tkun prinċipju trażversali tal-PAK il-ġdida. Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali ma għandhomx isiru mod kif jiġu introdotti obbligi amministrattivi ġodda, iżda pjuttost għodda biex jitnaqqsu l-piżijiet, tissaħħaħ iċ-ċertezza legali u jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-bdiewa u ta' min irabbi l-bhejjem għall-appoġġ.

Emenda 687
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) it-tisħiħ tal-aċċess għall-għarfien u l-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni u t-tranżizzjoni diġitali għal settur agroalimentari prosperu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 688
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e) it-tisħiħ tal-aċċess għall-għarfien u l-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni u t-tranżizzjoni diġitali għal settur agroalimentari prosperu.	e) it-tisħiħ tal-aċċess għall-għarfien u l-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni u t-tranżizzjoni diġitali għal settur agroalimentari prosperu***, it-titjib tal-aċċess għal soluzzjonijiet agrikoli u teknoloġiċi ġodda, bħall-biedja ta' preċiżjoni u l-implimentazzjoni ta' għodod ġodda tal-Intelliġenza Artifiċjali, u t-taħriġ għalihom, għal agrikoltura aktar moderna u reżiljenti li toħloq aktar impjiegi, intraprenditorija u opportunitajiet ekonomiċi għaż-żoni rurali***.

Or. es

Emenda 689
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) it-tisħiħ tal-aċċess għall-għarfien u l-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni u t-tranżizzjoni diġitali għal settur agroalimentari prosperu**.**	(e) it-tisħiħ tal-aċċess għall-għarfien u l-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni u t-tranżizzjoni diġitali għal settur agroalimentari prosperu***, u jiġi żgurat li tali innovazzjonijiet jiżguraw li l-impjiegi agrikoli jinżammu, itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, u jiżguraw it-tranżizzjoni agroekoloġika u użu aħjar tar-riżorsi, inklużi r-riżorsi tal-enerġija;***

Or. fr

Emenda 690
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) it-tisħiħ tal-aċċess għall-għarfien u l-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni u ***t-tranżizzjoni*** diġitali għal settur agroalimentari prosperu.	(e) it-tisħiħ tal-aċċess għall-għarfien ***u s-servizzi ta' konsulenza ffinanzjati pubblikament u kompetenti*** u l-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni ***lejn agroekoloġija*** u ***tranżizzjoni*** diġitali ***responsabbli u sostenibbli*** għal settur agroalimentari prosperu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ħafna drabi r-referenza għall-innovazzjoni timplika biss innovazzjoni bi privattiva xprunata min-negozju ta' teknoloġija avvanzata li twassal għal livell għoli ta' djun għall-bdiewa. L-innovazzjoni tat-teknoloġija ta' livell baxx fl-azjendi agrikoli kif ukoll l-innovazzjoni soċjali jeħtieġu aktar appoġġ u viżibbiltà.

Emenda 691
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) it-tisħiħ tal-aċċess għall-għarfien u l-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni u t-tranżizzjoni diġitali għal settur agroalimentari prosperu.	(e) it-tisħiħ tal-aċċess għall-għarfien u l-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni u t-tranżizzjoni diġitali għal settur agroalimentari prosperu***, inkluż l-aċċess għal soluzzjonijiet diġitali u ta' biedja ta' preċiżjoni***.

Or. en

Emenda 692
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e) ***it-tisħiħ*** tal-aċċess għall-għarfien u l-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni u t-	e) ***it-titjib*** tal-aċċess għall-għarfien u l-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni u t-

tranżizzjoni diġitali ***għal*** settur agroalimentari prosperu.	tranżizzjoni diġitali ***biex jinkiseb*** settur agroalimentari prosperu***, inkluż l-aċċess għal soluzzjonijiet diġitali u ta' biedja ta' preċiżjoni***.

Or. es

Emenda 693
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo, Maria Noichl, Camilla Laureti, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) it-tisħiħ tal-aċċess għall-għarfien u l-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni u t-tranżizzjoni diġitali għal settur agroalimentari prosperu.	(e) it-tisħiħ tal-aċċess għall-għarfien ***u għall-konsulenza*** u l-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni u t-tranżizzjoni diġitali għal settur agroalimentari prosperu***, kompetittiv u sostenibbli***.

Or. en

Emenda 694
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) it-tisħiħ tal-aċċess għall-għarfien u l-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni u t-tranżizzjoni diġitali għal settur agroalimentari ***prosperu***.	(e) it-tisħiħ tal-aċċess għall-għarfien u l-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni u t-tranżizzjoni diġitali għal settur agroalimentari ***li jibqa' validu fil-futur***.

Or. en

Emenda 695
Ton Diepeveen, Barbara Bonte, Mireia Borrás Pabón, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e – punt i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	i) l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa fl-UE kollha.

Or. en

Emenda 696
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) (f) l-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bdiewa u tan-nies billi titnieda projbizzjoni immedjata fuq sustanzi niġġiesa magħrufa bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi u li jfixklu s-sistema endokrinali, bħall-glifosat, u billi jiġu implimentati pjanijiet komprensivi ta' rimedju għall-ħamrija u għar-riżorsi tal-ilma kkontaminati ħafna b'molekuli tossiċi persistenti, inkluż il-klordekon;

Or. fr

Emenda 697
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) iż-żieda fl-appoġġ għall-investiment u l-appoġġ strutturali għas-setturi agrikoli u agroalimentari lokali fir-reġjuni ultraperiferiċi (l-Artikolu 349 TFUE) bil-għan li jinħolqu l-impjiegi,

tittejjeb l-awtosuffiċjenza tal-provvista tal-ikel u jiġu ppreżervati l-ekosistemi uniċi f'awk ir-reġjuni, filwaqt li titqies kif xieraq l-importanza ġeostrateġika tagħhom;

Or. pt

Emenda 698
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) Ir-rikonoxximent u l-appoġġ tad-diversità tal-agrikoltura tal-Unjoni, inklużi azjendi agrikoli tal-familja żgħar ħafna, żgħar u ta' daqs medju u żoni muntanjużi, tal-gżejjer, Mediterranji u oħrajn li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali permanenti, fid-dawl tal-kontribut essenzjali tagħhom għas-sigurtà tal-ikel, il-koeżjoni territorjali, il-bijodiversità u l-vitalità rurali.

Or. en

Emenda 699
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) it-tiġdid taż-żoni rurali permezz ta' approċċ integrat, bil-għan li jiġu stimulati l-iżvilupp ekonomiku lokali, il-kapaċità tal-ipproċessar lokali u l-ktajjen tal-provvista qosra, u ż-żieda fiż-żamma tal-popolazzjoni, l-attraenza u l-valur miżjud fiż-żoni rurali.

Or. ro

Emenda 700
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ea) Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali għandhom iqisu, bħala kwistjoni ta' prijorità, il-piż relattiv tas-settur agrikolu u tal-bhejjem fir-reġjuni differenti u l-partikolaritajiet tal-mudelli ta' produzzjoni tagħhom.

Or. es

Emenda 701
Stefano Bonaccini, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) it-tisħiħ tal-vijabbiltà ekonomika taż-żoni rurali, tal-kompetittività territorjali u tal-produzzjoni agrikola b'valur miżjud, inkluż permezz ta' skemi tal-kwalità tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 702
Jessika van Leeuwen, Sander Smit, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(ea) (ee) il-kontribut għal funzjonament tas-suq ġust u effettiv billi jiġu promossi kundizzjonijiet komparabbli għall-bdiewa fl-Istati Membri kollha.

Or. en

Emenda 703
Carlo Fidanza, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) it-tisħiħ tal-produzzjoni agrikola b'valur miżjud u tal-kompetittività territorjali, inkluż permezz ta' skemi tal-kwalità tal-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tirrifletti l-Viżjoni tal-Kummissjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, li tidentifika l-indikazzjonijiet ġeografiċi bħala għodda importanti għall-"valutazzjoni tal-ikel u t-trawwim ta' kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol ġusti fiż-żoni rurali (id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju)". Peress li l-iskemi tal-kwalità tal-Unjoni jiġġeneraw valur miżjud, isaħħu l-kompetittività territorjali u jappoġġjaw il-vijabbiltà fit-tul tal-komunitajiet rurali, dawn għandhom jitqiesu b'mod espliċitu meta jiġu definiti l-prijoritajiet tal-PAK li għandhom l-għan li jsaħħu l-vitalità ekonomika taż-żoni rurali.

Emenda 704
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo, Maria Noichl, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) it-titjib tal-iżvilupp soċjoekonomiku taż-żoni rurali u interni u l-appoġġ għad-dritt li wieħed jibqa' fit-

territorju;

Or. en

Emenda 705
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) il-prevenzjoni tad-distorsjonijiet tas-suq u l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa fi Stati Membri differenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tħares il-komunalità tal-politika, fir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tagħha, il-Kummissjoni għandu jkollha wkoll l-għan li tipprevjeni d-distorsjonijiet tas-suq, f'każijiet fejn ikun hemm differenzi sinifikanti fil-baġit, fl-implimentazzjoni jew fl-għażla tal-interventi.

Emenda 706
Marta Wcisło

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) it-titjib tal-attraenza u tal-kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali.

Or. en

Emenda 707
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni *Emenda*

(ea) it-titjib tal-attraenza u tal-kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali.

Or. en

Emenda 708
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni *Emenda*

(ea) it-titjib tal-aċċess tan-nisa għall-attivitajiet agrikoli.

Or. ro

Emenda 709
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni *Emenda*

(ea) it-tisħiħ tal-vitalità ekonomika taż-żoni rurali.

Or. en

Emenda 710
Barry Cowen, Asger Christensen, Emma Wiesner, Charles Goerens, Benoit Cassart, Christine Singer, Elsi Katainen, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni *Emenda*

(ea) (f) il-kontribut għas-sigurtà tal-

ikel fit-tul;

Or. en

Emenda 711
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) iż-żieda fil-kompetittività tal-bdiewa u l-iżgurar ta' introjtu stabbli, prevedibbli u ġust għalihom, inkluż billi tissaħħaħ il-pożizzjoni tagħhom fil-katina tal-valur agroalimentari, jiġi stimulat l-investiment fil-modernizzazzjoni u l-innovazzjoni, jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-swieq u l-għodod tal-ġestjoni tar-riskju, u billi jiġu promossi kundizzjonijiet ekwi mhux biss fil-livell tal-Unjoni, iżda wkoll fir-rigward ta' pajjiżi terzi.

Or. ro

Emenda 712
Arash Saeidi, Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) (g) l-iżgurar tas-sovranità tal-ikel u s-saħħa pubblika billi jiġi indirizzat b'mod attiv it-tixrid sistemiku tal-ikel ultraproċessat u billi jiġi żgurat l-aċċess għal dieta tajba għas-saħħa, lokali u ekoloġika, u b'hekk jitnaqqsu l-impronta ambjentali u l-mard kroniku relatat mad-dieta.

Or. fr

Emenda 713
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) it-teħid ta' azzjoni biex iż-żoni rurali jsiru aktar attraenti u dinamiċi u biex ikunu jistgħu joffru kwalità ta' ħajja aħjar, bl-użu tal-esperjenzi u l-kapaċitajiet eżistenti tal-gruppi ta' azzjoni lokali u t-tħaddin tal-approċċ ta' żvilupp lokali LEADER u mmexxi mill-komunità.

Or. pt

Emenda 714
Carlo Fidanza, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) (ea) it-tisħiħ tal-vitalità ekonomika taż-żoni rurali filwaqt li jitqies il-kontribut tal-iskemi tal-kwalità tal-Unjoni, b'mod partikolari l-indikazzjonijiet ġeografiċi, għall-ħolqien tal-valur u tal-kompetittività territorjali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tirrifletti l-Viżjoni tal-Kummissjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, li tidentifika l-indikazzjonijiet ġeografiċi bħala għodda importanti għall-"valutazzjoni tal-ikel u t-trawwim ta' kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol ġusti fiż-żoni rurali (id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju)". Peress li l-iskemi tal-kwalità tal-Unjoni jiġġeneraw valur miżjud, isaħħu l-kompetittività territorjali u jappoġġjaw il-vijabbiltà fit-tul tal-komunitajiet rurali, dawn għandhom jitqiesu b'mod espliċitu meta jiġu definiti l-prijoritajiet tal-PAK li għandhom l-għan li jsaħħu l-vitalità ekonomika taż-żoni rurali.

Emenda 715
Marta Wcisło

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) it-titjib tal-ktajjen tal-valur agrikoli lokali.

Or. en

Emenda 716
Marta Wcisło

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ec (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ec) l-iżvilupp ta' riżervi għall-ħżin u għas-sigurtà tal-ikel kif ukoll ta' ċentri loġistiċi għall-prodotti agrikoli.

Or. en

Emenda 717
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Qabel il-preżentazzjoni tal-kapitolu speċifiku tal-PAK tal-Pjan SNR jew tal-pjan speċifiku tal-PAK, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-ħtiġijiet tagħhom taħt kull objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 3, il-punt (d), tar-Regolament (UE) [...] [SNR] u jqisu, meta jkun meħtieġ, ir-rakkomandazzjonijiet mhux vinkolanti tal-Kummissjoni. Dawn

għandhom ifasslu l-interventi tagħhom abbażi ta' dik il-valutazzjoni, il-kundizzjonijiet tal-produzzjoni, territorjali, klimatiċi u soċjoekonomiċi tagħhom, u l-ħtiġijiet reali tal-bdiewa, ta' min irabbi l-bhejjem, tal-kooperattivi u taż-żoni rurali.

Or. es

Ġustifikazzjoni

It-tfassil tal-interventi għandu jkun ibbażat fuq il-ħtiġijiet reali tas-settur u mhux fuq objettivi uniformi imposti minn Brussell.

Emenda 718
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-eks Artikolu 4, il-punt 3c tal-SNR huwa sostitwit bit-test li ġej:
	"benefiċjarju" tfisser: fil-kuntest tal-PAK, bidwi li huwa persuna fiżika jew ġuridika jew grupp ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi li l-azjenda tiegħu tinsab fl-Unjoni u li huwa involut f'livell minimu ta' attività agrikola produttiva fiha, filwaqt li ma jiġix preklużl-għoti ta' appoġġ lill-bdiewa pluriattivi jew part-time, f'konformità mal-kriterji stabbiliti mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament;

Or. ro

Emenda 719
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jistgħu jiġu aġġornati mill-Kummissjoni, kif xieraq.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 720
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jistgħu jiġu aġġornati mill-Kummissjoni, kif xieraq.	***imħassar***

Or. en

Emenda 721
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jistgħu jiġu aġġornati mill-Kummissjoni, kif xieraq.	Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jistgħu jiġu aġġornati mill-Kummissjoni, kif xieraq. ***Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK għandhom jiżguraw ukoll li kwalunkwe appoġġ iffinanzjat skont din il-politika ma jiffavorixxix il-produzzjoni esposta għall-kompetizzjoni li tirriżulta mill-importazzjonijiet ta' prodotti agrikoli li ma jikkonformawx mal-istandards sanitarji, fitosanitarji, ambjentali u tal-benessri tal-annimali ekwivalenti għal dawk imposti fuq il-produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tiżgura reċiproċità stretta tal-istandards fil-***

	ftehimiet kummerċjali konklużi mal-pajjiżi terzi.

Or. fr

Emenda 722
Barry Cowen, Asger Christensen, Emma Wiesner, Charles Goerens, Benoit Cassart, Christine Singer, Elsi Katainen, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jistgħu jiġu aġġornati mill-Kummissjoni, kif xieraq.	Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK ***se jintbagħtu lill-Istati Membri mhux aktar tard minn 18-il xahar qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali tal-PAK u*** jistgħu jiġu aġġornati mill-Kummissjoni, kif xieraq***, wara impenn u kontribut f'waqthom mill-Istati Membri u mill-partijiet ikkonċernati rilevanti, kif stabbilit fl-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [SNR]***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni ta' skedi ta' żmien biex jaslu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għandha l-għan li tiffaċilita d-djalogu f'waqtu mal-partijiet ikkonċernati ewlenin lejn it-tfassil ta' interventi prattiċi, flimkien mat-tfassil (mill-ġdid) infrastrutturali meħtieġ fi ħdan l-aġenziji tal-pagamenti biex jiġi evitat id-dewmien fl-implimentazzjoni tal-iskemi u/jew id-dewmien fil-pagamenti kif evidenti fil-PAK 2023-2027.

Emenda 723
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-	***F'ċirkostanzi eċċezzjonali u wara***

PAK jistgħu jiġu aġġornati mill-Kummissjoni, kif xieraq.	***konsultazzjoni mal-Istat Membru kkonċernat,*** ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jistgħu jiġu aġġornati mill-Kummissjoni, kif xieraq.

Or. en

Emenda 724
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jistgħu jiġu aġġornati mill-Kummissjoni, kif xieraq.	Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jistgħu jiġu aġġornati mill-Kummissjoni, kif xieraq***, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u mal-awtoritajiet reġjonali, meta applikabbli***.

Or. pt

Emenda 725
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jistgħu jiġu aġġornati mill-Kummissjoni***, kif xieraq***.	Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jistgħu jiġu aġġornati mill-Kummissjoni ***b'rabta mar-rieżami ta' nofs it-terminu msemmi fl-Artikolu 25 tar-Regolament SNR***.

Or. en

Emenda 726
Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jistgħu jiġu aġġornati mill-Kummissjoni, kif xieraq.	Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jistgħu jiġu aġġornati mill-Kummissjoni, ***f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u fejn ikun meħtieġ,*** kif xieraq.

Or. en

Emenda 727
Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jistgħu jiġu aġġornati mill-Kummissjoni***, kif xieraq***.	Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jistgħu jiġu aġġornati mill-Kummissjoni ***biss fejn dan ikun meħtieġ biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 728
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jistgħu jiġu aġġornati mill-Kummissjoni***, kif xieraq***.	***F'ċirkostanzi eċċezzjonali u wara li l-Istat Membru kkonċernat ikun ġie kkonsultat,*** ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jistgħu jiġu aġġornati mill-Kummissjoni.

Or. ro

Emenda 729
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK jistgħu jiġu aġġornati mill-Kummissjoni, kif xieraq.	***L-objettivi ġenerali*** tal-PAK jistgħu jiġu aġġornati mill-Kummissjoni, kif xieraq.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Regolament dwar il-PAK tal-UE jeħtieġ pedamenti legali b'saħħithom ibbażati fuq objettivi komuni u mhux sempliċement "rakkomandazzjonijiet".

Emenda 730
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Qabel il-preżentazzjoni tal-kapitolu speċifiku għall-PAK tal-Programm Nazzjonali ta' Riforma (PNR) tagħhom jew tal-Pjan Nazzjonali ta' Riforma tal-PAK (PNR tal-PAK) tagħhom, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-ħtiġijiet tagħhom taħt kull objettiv speċifiku fl-Artikolu 3(d) tar-Regolament (UE) [...] [SNR], filwaqt li jqisu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni. Dawn għandhom ifasslu l-interventi tagħhom abbażi ta' dik il-valutazzjoni.

Or. fr

Emenda 731

Pekka Toveri

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. (ea) it-tisħiħ tal-vitalità ekonomika taż-żoni rurali.

Or. en

Emenda 732
Jessika van Leeuwen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha tibbaża r-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK fuq analiżi tas-sitwazzjoni tas-settur agrikolu u taż-żoni rurali, inklużi l-fatturi demografiċi, il-karatteristiċi strutturali u territorjali kif ukoll is-sigurtà tal-ikel f'kull Stat Membru.	2. Il-Kummissjoni għandha tibbaża r-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK fuq analiżi tas-sitwazzjoni tas-settur agrikolu u taż-żoni rurali, inklużi l-fatturi demografiċi, il-karatteristiċi strutturali u territorjali kif ukoll is-sigurtà tal-ikel f'kull Stat Membru***, kif ukoll valutazzjoni tal-approċċi differenti għall-implimentazzjoni fl-Istati Membri kollha, bil-ħsieb li jiġu promossi l-implimentazzjoni koerenti u kundizzjonijiet komparabbli għall-bdiewa fl-Unjoni kollha. F'dak ir-rigward il-Kummissjoni għandha tqis:*** ***(a) l-allokazzjoni tal-baġit bejn l-interventi differenti, inkluż il-bilanċ bejn l-interventi ta' appoġġ għall-introjtu u interventi oħra;*** ***(b) ir-rati ta' kofinanzjament applikabbli għall-interventi tal-PAK, inklużi l-kontribuzzjonijiet iffinanzjati mill-pakkett finanzjarju tal-Fond barra mill-baġit allokat imsemmi fl-Artikolu 10(2), il-punt (a)(ii) [il-Baġit tal-PAK];*** ***(c) it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-intendenza tal-azjendi agrikoli, inkluża l-***

applikazzjoni ta' prattiki protettivi.

(d) meta objettiv ambjentali jew klimatiku msemmi fil-paragrafu 2 ikun jista' jintlaħaq permezz ta' aktar minn tip wieħed ta' intervent, l-Istati Membri għandhom jagħtu preferenza lill-interventi li jżommu jew iżidu l-produttività agrikola u d-disponibbiltà tal-provvisti fuq l-interventi li l-benefiċċju ambjentali tagħhom jinkiseb prinċipalment permezz ta' tnaqqis fl-output agrikolu, u għandhom ifasslu l-appoġġ sabiex jippremjaw prattiki li jirrikonċiljaw il-prestazzjoni ambjentali mal-kapaċità produttiva, inkluża l-biedja ta' preċiżjoni u dik ibbażata fuq l-għarfien.

Or. en

Emenda 733
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha tibbaża r-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK fuq analiżi tas-sitwazzjoni tas-settur agrikolu u taż-żoni rurali, inklużi l-fatturi demografiċi, il-karatteristiċi strutturali u territorjali kif ukoll is-sigurtà tal-ikel f'kull Stat Membru.	2. Il-Kummissjoni għandha tibbaża r-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK fuq analiżi ***bbażata fuq l-evidenza, imwettqa f'konsultazzjoni mal-Istat Membru kkonċernat,*** tas-sitwazzjoni tas-settur agrikolu u taż-żoni rurali, inklużi l-fatturi demografiċi, ***id-disparitajiet storiċi f'termini ta' appoġġ għall-introjtu f'dawk l-Istati Membri li l-allokazzjoni tagħhom għal kull ettaru tibqa' taħt il-medja tal-Unjoni,*** il-karatteristiċi strutturali u territorjali***,*** kif ukoll is-sigurtà tal-ikel ***u s-sovranità agrikola*** f'kull Stat Membru. ***Għandha tingħata kunsiderazzjoni speċjali lill-pressjonijiet ġeopolitiċi u ekonomiċi uniċi ffaċċjati mill-azjendi agrikoli li jinsabu fl-Istati Membri fuq in-naħa tal-Lvant tal-Unjoni[3a], b'mod***

partikolari f'reġjuni li jmissu mar-Russja, mal-Belarussja, jew mal-Ukrajna, fejn il-prossimità għal żoni ta' kunflitt attiv fixklet serjament il-ktajjen tal-provvista, żiedet b'mod esaġerat il-kostijiet tal-input, u mminat l-istabbiltà tas-suq agrikolu reġjonali. Dawn il-karatteristiċi reġjonali speċifiċi jinkludu wkoll vulnerabbiltà akbar għal invażjonijiet transfruntiera ta' pesti agrikoli u mard tal-pjanti li joriġinaw minn pajjiżi kontigwi mhux tal-UE. Minħabba li dawn il-pajjiżi terzi ġirien spiss jużaw sustanzi attivi kimiċi u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li huma pprojbiti fl-Unjoni minħabba standards ambjentali u tas-saħħa pubblika stretti, l-Istati Membri l-aktar esposti jiffaċċjaw pressjonijiet fitosanitarji asimetriċi severi, peress li l-bdiewa tagħhom jeħtiġilhom jiġġieldu dawn il-pesti migratorji mingħajr aċċess għall-istess għodod kimiċi, li jirriżulta f'telf ogħla tal-għelejjel u kostijiet ta' ġestjoni eskalati.

[3a] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reġjuni tal-Lvant tal-UE (COM(2026) 82 final)

Or. en

Ġustifikazzjoni

This amendment highlights a double vulnerability specific to the Union's external borders, particularly on the eastern flank. Farmers in these regions do not just suffer from the macroeconomic distortions of adjacent conflict zones; they also operate as a phytosanitary shield for the entire internal market. Because neighboring non-EU countries are not bound by the same strict chemical prohibitions regarding active substances, cross-border pests thrive and migrate into the EU. This forces frontline EU farmers to combat aggressive pest pressures under a severe competitive disadvantage, using only EU-approved, lower-impact substances. Formally recognizing this specific structural vulnerability allows Member States to design targeted, heavily compensated protective and environmental actions within their NRP Plans to buffer their agricultural sectors against cross-border biological and regulatory imbalances.

Emenda 734

Willemien Koning

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha tibbaża r-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK fuq analiżi tas-sitwazzjoni tas-settur agrikolu u taż-żoni rurali, inklużi l-fatturi demografiċi, il-karatteristiċi strutturali u territorjali kif ukoll is-sigurtà tal-ikel f'kull Stat Membru.	2. Il-Kummissjoni għandha tibbaża r-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK fuq analiżi tas-sitwazzjoni tas-settur agrikolu u taż-żoni rurali, inklużi l-fatturi demografiċi, il-karatteristiċi strutturali u territorjali kif ukoll is-sigurtà tal-ikel f'kull Stat Membru. ***Dik l-analiżi għandha tkopri wkoll id-diverġenzi fl-għażliet ta' implimentazzjoni nazzjonali, bil-ħsieb li jiġu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u jiġu ssalvagwardjati kundizzjonijiet kompetittivi ugwali għall-bdiewa fis-suq intern kollu. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha teżamina b'mod partikolari:*** ***(a) kif il-baġit disponibbli jitqassam bejn l-interventi, b'mod partikolari l-bilanċ bejn l-appoġġ għall-introjtu u forom oħra ta' appoġġ;*** ***(b) ir-rati ta' kofinanzjament applikati għall-interventi tal-PAK, inklużi r-riżorsi meħuda minn barra l-baġit allokat imsemmi fl-Artikolu 10(2), il-punt (a)(ii), tar-Regolament (UE) [...] [SNR];*** ***(c) il-mod li bih l-intendenza tal-azjendi agrikoli, u b'mod partikolari l-prattiki protettivi, tingħata effett f'kull Stat Membru.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Meta l-Istati Membri jvarjaw sostanzjalment fl-għażliet baġitarji, fil-livelli ta' kofinanzjament jew fl-istrettezza tar-rekwiżiti ta' intendenza, il-bdiewa f'partijiet differenti tal-Unjoni jispiċċaw jikkompetu fuq termini mhux ugwali fl-istess suq intern. Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali huma l-istrument xieraq għall-Kummissjoni biex tidentifika u tiġġieled tali diverġenzi fi stadju bikri.

Emenda 735
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe benefiċjarju li jikser il-liġi nazzjonali dwar ix-xogħol u l-impjiegi, jew ir-regolamenti nazzjonali dwar il-kontroll tal-istrutturi agrikoli u l-akkwist tal-art, ikun soġġett għall-irtirar immedjat tal-appoġġ ekonomiku mogħti**

skont dan ir-Regolament.

Or. fr

Emenda 787
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Il-Kummissjoni għandha tippubblika dokument tal-aħjar prattiki li jkun fih miżuri ta' intervent u approċċi rakkomandati biex jiġu inklużi fil-komponent tal-PAK tal-pjanijiet nazzjonali ta' rkupru tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha taġġorna dan id-dokument mill-anqas kull sentejn.

Or. de

Emenda 788
Esther Herranz García, Gabriel Mato, Carmen Crespo Díaz

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Għas-setturi msemmija fit-Titolu I, il-Parti II, il-Kapitolu IIa, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK għandhom jiżguraw il-preżervazzjoni tar-regoli komuni tal-Unjoni, l-implimentazzjoni armonizzata, u livelli komparabbli ta' appoġġ fl-Istati Membri kollha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-interventi settorjali għandhom, inkluż fis-settur tal-inbid, jiddependu fuq normi komuni fl-Istati Membri tal-UE sabiex jiġu pprevenuti d-dilwizzjoni u l-frammentazzjoni tal-politika. F'konformità ma' dan, għandhom jinżammu linji ta' finanzjament speċifiċi.

Emenda 789
Carlo Fidanza, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali għandhom jiġu definiti wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati ewlenin u dawk l-aktar importanti li jittrattaw fis-settur.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu żviluppati f'konsultazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati l-aktar rappreżentattivi fis-settur kollu. L-għarfien espert u l-esperjenza prattika tagħhom huma essenzjali biex jiġi żgurat li r-rakkomandazzjonijiet ikunu bbażati fuq l-evidenza, proporzjonati, u allinjati mar-realtajiet operazzjonali, u b'hekk jissaħħu r-rilevanza, il-fattibbiltà u l-aċċettazzjoni wiesgħa tagħhom.

Emenda 790
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-partijiet rilevanti għall-PAK tal-pjanijiet SNR iżommu jew jaqbżu l-ambizzjoni ambjentali, klimatika u tal-bijodiversità meta mqabbla mal-pjanijiet preċedenti tal-PAK. Qabel il-pubblikazzjoni ta' pjan ta' Stat Membru, il-Kummissjoni

għandha tirrikjedi li kull Stat Membru jirrevedi l-pjanijiet tal-SNR tiegħu fejn l-ambizzjoni jew l-adozzjoni effettiva mistennija, il-kopertura jew l-implimentazzjoni tal-interventi rilevanti jkunu tnaqqsu;

Or. en

Emenda 791
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3c. Fil-verifika tagħha tal-koerenza u tal-konsistenza tal-kapitolu tal-pjanijiet SNR relatati mal-agrikoltura u mal-iżvilupp rurali skont l-Artikolu 23 [ir-Regolament SNR], il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni speċjali biex tiżgura:
	(i) l-adegwatezza, il-kompletezza u l-effikaċja stmata tal-partijiet rilevanti għall-PAK tal-pjanijiet u tal-infiq, b'mod partikolari biex tiġi żgurata l-koerenza ma' politiki oħra tal-Unjoni, u l-effiċjenza baġitarja, filwaqt li tiġi evitata l-ħtieġa ta' nfiq doppju, jew tiġi ffissata l-ħsara permessa f'qasam ta' politika wieħed min-nefqa f'qasam ta' politika ieħor; u
	(ii) li l-kapitolu ddedikat għall-PAK fil-pjan SNR jista' jissodisfa l-ħtiġijiet u l-isfidi tal-Istat Membru kif deskritti fl-Artikolu 21 u fl-Artikolu 22 [ir-Regolament SNR], b'mod partikolari l-paragrafu 2, is-subparagrafu 2, il-punt (a) rigward il-konsistenza mal-Pjanijiet għar-restawr tan-natura skont ir-Regolament (UE) 2024/1991 u l-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima skont ir-Regolament (UE) 2018/1999;

(iii) li l-parametri rilevanti għall-infiq u għall-allokazzjoni tal-baġit jiġu rispettati, b'mod partikolari l-infiq fuq il-klima u l-bijodiversità f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament u l-Anness III [ir-Regolament CPF];

(iiii) li d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-prinċipji tal-istat tad-dritt jiġu rispettati, f'konformità mal-Artikoli 8 u 9 tar-Regolament SNR;

(iv) il-konsistenza u l-kontinwità tal-kisbiet tal-Istati Membri sa issa fir-rigward tal-arkitettura ekoloġika, u li ma jinżamm l-ebda prinċipju ta' rigress, jiġifieri:

(a) mill-inqas l-azzjonijiet ekwivalenti għall-klima u għall-ambjent, fl-Artikolu 10, jeżistu fil-pjanijiet il-ġodda tal-PAK fil-pjanijiet SNR, b'mill-inqas l-istess adozzjoni stmata bħall-ekoskemi u l-AECMs preċedenti mill-aħħar perjodu ta' programmazzjoni, u din l-istima tal-adozzjoni tkun ibbażata wkoll fuq ir-rati ta' kofinanzjament.

(b) id-definizzjoni ta' prattiki protettivi mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 3 tippermetti li l-Intendenza tal-Azjendi Agrikoli:

- toffri linja bażi robusta għall-prattika bażika, li 'l fuq minnha jistgħu jiġu ingranati pagamenti ta' inċentivi addizzjonali tal-PAK, biex ikunu ġusti u ekwivalenti bejn l-Istati Membri u r-reġjuni;

- tiżgura li l-prattiki protettivi jkunu sodisfaċenti bħala prattiki tal-biedja bażiċi tajbin imwettqa mill-benefiċjarji kollha biex jiġu ssodisfati l-isfidi mistennija matul il-perjodu ta' programmazzjoni u l-ħtiġijiet identifikati;

- tirrispetta l-kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku, bejn l-Istati Membri u fi ħdanhom;

- tkun biżżejjed biex jiġi żgurat li ma ssir l-ebda ħsara sinifikanti.

Il-Kummissjoni għandha tidentifika b'mod ċar in-nuqqasijiet potenzjali fir-rigward ta' dan l-Artikolu u tinkludihom fir-rakkomandazzjonijiet tagħha għal azzjoni ta' rimedju.

Or. en

Emenda 792
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3d. Il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li jkun fiha l-parti rilevanti tal-PAK tal-pjan SNR ta' Stat Membru biss jekk il-parti rilevanti tal-PAK:
	(i) tkun kompluta u tajba għall-iskop tagħha;
	(ii) l-impenji ta' nfiq f'termini ta' delimitazzjoni, speċjalment fir-rigward tal-klima, tal-ambjent u tal-bijodiversità jiġu rrispettati;
	(iii) il-pjan ikun effiċjenti mil-lat baġitarju u ma jkun fih l-ebda skema ta' pagament li tiġġenera kostijiet u esternalitajiet addizzjonali; u
	(iv) fejn xieraq, l-Istat Membru jkun irrimedja t-talbiet u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 793
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Fil-pjanijiet tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu wkoll id-definizzjonijiet li ġejjin:
	1. "attività agrikola" għandha tiġi ddeterminata permezz ta' waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew it-tnejn li huma:
	(I) il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet kollha mmirati lejn il-kisba ta' dawk il-prodotti; fejn prodotti agrikoli tfisser prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, kif ukoll il-qoton u l-imsaġar b'newba qasira;
	(II) iż-żamma ta' żoni agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet li għandhom l-għan li jżommu l-art fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni; fejn ikun debitament ġustifikat għal raġunijiet ta' benesseri tal-annimali jew ambjentali, ir-ragħa estensiv ta' żona agrikola li ma jirriżultax f'żieda fil-produzzjoni agrikola għall-bdiewa kkonċernati jista' jitqies ukoll bħala "manutenzjoni".
	2. "żona agrikola" għandha tiġi definita b'tali mod li tinkludi biss art li tintuża għal attivitajiet agrikoli, inkluż meta tifforma sistemi agroforestali.
	3. "ettaru eliġibbli" għandu jiġi definit b'tali mod li jinkludi biss żoni li jkunu għad-dispożizzjoni tal-bdiewa u li jinkludu:
	(I) żoni agrikoli li fuqhom titwettaq attività agrikola. Jekk jitwettqu wkoll attivitajiet mhux agrikoli f'dawn iż-żoni, l-attività agrikola għandha tkun predominanti;
	(II) iż-żoni li għalihom jingħata appoġġ skont l-Artikolu 5(1), il-punti (a) u (g), [appoġġ għall-introjtu digressiv, għall-

bdiewa żgħar] ta' dan ir-Regolament, jew skont l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà skont it-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima 2, is-Subtaqsima 2, [BISS [intitolamenti inklużi kollha], skema għall-bdiewa żgħar] tar-Regolament (UE) 2021/2115, meta l-attività agrikola ma titwettaqx minħabba impenji u obbligi li jirriżultaw minn interventi tal-Unjoni jew nazzjonali jew programmi oħra li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi tal-PAK marbuta mal-ambjent u l-klima

(III) L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jinkludu fil-kunċett ta' "ettaru eliġibbli" karatteristiċi tal-pajsaġġ, mhux koperti mill-impenji u l-iskemi msemmija fil-punt (ii), dment li dawn il-karatteristiċi tal-pajsaġġ ma jxekklux b'mod sinifikanti l-prestazzjoni tal-attività agrikola u ma jkunux predominanti fuq il-biċċa raba'

4. "bidwi żagħżugħ" għandha tiġi definita b'tali mod li tissodisfa mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(I) limitu massimu ta' età stabbilit bejn 35 u 40 sena;

(II) ikun "kap tal-azjenda". Meta bidwi jitqies li jaqa' fid-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" fil-mument tal-ewwel aċċess għall-appoġġ, dak l-istatus għandu jinżamm għad-durata kollha tal-perjodu ta' eliġibbiltà stabbilit skont l-iskema ta' appoġġ rilevanti, irrispettivament minn jekk il-bidwi sussegwentement jaqbiżx il-limitu massimu tal-età.

5. "bidwi ġdid" għandha tiġi ddeterminata b'tali mod li tirreferi għal bidwi li ma jkunx bidwi żagħżugħ u li jkun il-kap tal-azjenda għall-ewwel darba.

6. "nefqa pubblika" għall-finijiet tal-PAK, tfisser kwalunkwe kontribuzzjoni għall-finanzjament ta' operazzjonijiet li s-sors tagħha jkun il-baġit tal-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, reġjonali u lokali, il-baġit tal-Unjoni magħmul disponibbli għall-Fond, il-baġit ta' korpi tad-dritt

pubbliku jew il-baġit ta' assoċjazzjonijiet ta' awtoritajiet pubbliċi jew ta' korpi tad-dritt pubbliku;

7. "rata ta' appoġġ" għall-finijiet tal-PAK, tfisser ir-rata tan-nefqa pubblika għal operazzjoni; fil-kuntest tal-istrumenti finanzjarji, din tirreferi għall-ekwivalenti ta' għotja gross tal-appoġġ kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (20) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014.

Or. ro

Emenda 794
Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Rekwiżiti speċifiċi għall-interventi tal-PAK
	1. Għal kull intervent fil-Pjanijiet tagħhom, l-Istati Membri għandhom jipprovdu biss l-informazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni u għall-monitoraġġ effettivi, b'mod simplifikat u proporzjonat:
	(a) it-tip ta' intervent li fuqu jkun ibbażat, il-kamp ta' applikazzjoni territorjali u t-tip ta' żona fil-mira tal-intervent, kif definit mill-Istat Membru skont l-ispeċifiċitajiet nazzjonali u reġjonali tiegħu;
	(b) fejn applikabbli, is-setturi fil-mira tal-intervent jew il-grupp ta' bdiewa jew benefiċjarji oħra fil-mira kif xieraq u abbażi tal-ħtiġijiet u tal-prijoritajiet tal-Istat Membru, skont il-qasam ta' prijorità, fl-ambitu tal-intervent, l-ambjent u l-klima tal-PAK, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament;
	(c) Spjegazzjoni tal-kriterji rilevanti tal-

Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar il-Biedja, filwaqt li tiġi żgurata ċ-ċarezza u tiġi evitata duplikazzjoni amministrattiva bla bżonn, kif imsemmi fl-Artikolu 20c (ġdid) [appoġġ domestiku tad-WTO] u fl-Anness XVII [anness tad-WTO];

(d) Deskrizzjoni tat-tfassil tal-intervent, inklużi l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, limitati għall-elementi essenzjali meħtieġa għall-implimentazzjoni u għall-evalwazzjoni u għall-azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi msemmija fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament];

(e) deskrizzjoni tal-prattiki tal-biedja koperti mill-intervent, li jippermettu l-flessibbiltà tal-Istat Membru fl-applikazzjoni ta' klassifikazzjonijiet xjentifiċi u tekniċi rilevanti, ibbażati fuq il-klassifikazzjoni taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-prattiki tal-biedja f'konformità mal-Artikolu 3, il-paragrafu 5 ta' dan ir-Regolament.

(f) fir-rigward tal-interventi f'ċerti setturi msemmija fil-Parti II, it-Titolu I, il-Kapitolu IIa tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-ġustifikazzjoni għall-immirar tas-setturi magħżula u l-komplementarjetà ma' interventi oħra tal-PAK, u fejn rilevanti, ma' miżuri oħra stabbiliti fil-Pjan, filwaqt li tiġi ppreżervata d-diskrezzjoni tal-Istati Membri fl-istabbiliment ta' prijoritajiet u tiġi evitata d-duplikazzjoni mhux meħtieġa tar-rekwiżiti tal-ġustifikazzjoni;

2. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-ammont ta' appoġġ għall-azzjonijiet ta' tranżizzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament abbażi tal-istimi tal-kostijiet stabbiliti fil-pjanijiet ta' tranżizzjoni. L-appoġġ għandu jkun limitat għal [EUR 200 000] għal kull bidwi għal kull perjodu ta' programmazzjoni tal-Pjan, fejn l-Istat Membru jżomm il-flessibilità biex jaġġusta l-implimentazzjoni f'każijiet ġustifikati li jirriflettu ċ-ċirkostanzi nazzjonali.

Meta l-appoġġ pubbliku mogħti skont l-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament (UE) għal operazzjoni ta' investiment ma jaqbiżx il-EUR 100 000 u ma jkunx soġġett għar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, dak l-appoġġ għandu jieħu l-forma ta' skali standard ta' kostijiet unitarji, somom f'daqqa jew rati fissi, kull fejn ikun xieraq, sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It is necessary to have prior knowledge of the situation of each Member State in order for the Commission to issue tailored national recommendations for each Member State. In order to properly understand the actual situation, consultation with recognized bodies in the field is required, so as to accurately identify the needs and subsequently the ways to address them. This consultation aims to ensure transparency in the decision making process.To ensure the economic resilience and attractiveness of the agricultural sector, while strengthening intergenerational renewal by supporting young farmers` access to resources and know-how for sustainable agricultural practices and ensuring that farmers are fairly rewarded for their contributions to environmental and climate objectives, in a balanced and proportionate way that reflects the multiple roles of agriculture.To ensure a simplified, proportionate and flexible implementation framework for CAP interventions, while reducing unnecessary administrative burden for Member States and farmers, strengthening subsidiarity and allowing national and regional specificities to be fully taken into account. The amendments aim to maintain compliance with EU and international obligations while avoiding excessive prescriptiveness, duplication of reporting requirements and overly complex procedural rules.

Emenda 795
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Marie Dauchy

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Rekwiżiti speċifiċi relatati mal-interventi tal-PAK
	1. Għal kull intervent li jinkludu fil-pjanijiet tagħhom, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja:

(a) it-tip ta' intervent li fuqu tkun ibbażata, l-ambitu territorjali u t-tip ta' żona fil-mira tal-intervent;

(b) fejn applikabbli, is-setturi fil-mira tal-intervent jew il-grupp ta' bdiewa jew il-benefiċjarji oħra fil-mira tiegħu, kif ukoll il-qasam ta' prijorità tal-PAK dwar l-ambjent u l-klima, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament;

(d) deskrizzjoni tat-tfassil tal-intervent, inklużi l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà.

(e) deskrizzjoni tal-prattiki agrikoli koperti mill-intervent, abbażi tal-klassifikazzjoni taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-prattiki agrikoli, f'konformità mal-Artikolu 3(5), ta' dan ir-Regolament.

1a. Qabel il-preżentazzjoni tal-kapitolu speċifiku tal-PAK tal-Programm Nazzjonali ta' Rkupru (SNR), l-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-ħtiġijiet tagħhom taħt kull objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(d) tar-Regolament (UE) [...] [SNR], mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri li jiddeterminaw il-prijoritajiet agrikoli tagħhom stess, u jqisu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni. Dawn għandhom ifasslu l-interventi tagħhom abbażi ta' dik il-valutazzjoni ta'.

1b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interventi tal-PAK ma jirriżultawx fi żvantaġġ kompetittiv għall-produtturi meta mqabbla mal-produtturi f'pajjiżi terzi importaturi, b'mod partikolari fir-rigward ta' standards sanitarji, fitosanitarji, ambjentali u tal-benessri tal-annimali ekwivalenti. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-konsistenza bejn l-objettivi tal-PAK u l-protezzjoni effettiva tas-suq intern kontra kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi terzi.

3. Meta l-appoġġ pubbliku jingħata skont l-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament għal operazzjoni ta' investiment li ma taqbiżx il-EUR 100 000 u ma tkunx soġġetta għar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, dak

l-appoġġ jista' jieħu l-forma ta' skali standard ta' kostijiet unitarji, ammonti fissi jew rati fissi. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu wkoll minn forom alternattivi ta' appoġġ simplifikat, bħall-finanzjament ta' somma f'daqqa għal kull proġett.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Tħassir 1(c) ; Emenda 1(d) ; Tħassir 1(f) ; Żieda 1a; Żieda 1b; Tħassir 2

Emenda 796
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Rekwiżiti speċifiċi għall-interventi tal-PAK
	1. Qabel il-preżentazzjoni tal-kapitolu speċifiku għall-PAK tal-SNR, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-ħtiġijiet tagħhom taħt kull objettiv speċifiku fl-Artikolu 3, il-punt (d), tar-Regolament (UE) [...] [SNR] filwaqt li jqisu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni. Dawn għandhom ifasslu l-interventi tagħhom abbażi ta' dik il-valutazzjoni.
	2. Għal kull intervent li jinkludu fil-pjanijiet tagħhom, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja:
	(a) it-tip ta' intervent li fuqu jkun ibbażat, il-kamp ta' applikazzjoni territorjali u t-tip ta' żona fil-mira tiegħu;
	(b) fejn applikabbli, is-setturi fil-mira tal-intervent jew il-grupp ta' bdiewa jew il-benefiċjarji l-oħra fil-mira tal-intervent, kif ukoll il-qasam ta' prijorità tal-ambjent

u tal-klima tal-PAK, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament;

(c) spjegazzjoni tal-kriterji rilevanti fl-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar il-Biedja, kif imsemmi fl-Artikolu 20c (ġdid) [appoġġ domestiku tad-WTO] u fl-Anness XVII [anness tad-WTO] ta' dan ir-Regolament;

(d) deskrizzjoni tat-tfassil tal-intervent, inklużi l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, il-prattiki tal-biedja koperti mill-intervent ibbażata fuq il-klassifikazzjoni taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-prattiki tal-biedja f'konformità mal-Artikolu 3(5) ta' dan ir-Regolament, u tal-azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi msemmija fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament;

(3) L-Istati Membri, fejn applikabbli, għandhom jiddeterminaw l-ammont tal-appoġġ għall-azzjonijiet ta' tranżizzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament abbażi tal-istimi tal-kostijiet stabbiliti fil-pjanijiet ta' tranżizzjoni. L-ammont ta' dak l-appoġġ għandu jkun limitat għal [EUR 200 000] għal kull bidwi għal kull perjodu ta' programmazzjoni tal-Pjan.

(4) Meta l-appoġġ pubbliku jingħata skont l-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament għal operazzjoni ta' investiment li ma taqbiżx il-EUR 100 000 u ma jkunx soġġett għar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, dak l-appoġġ għandu jieħu l-forma ta' skali standard ta' kostijiet unitarji, somom f'daqqa jew rati fissi. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu wkoll minn forom alternattivi ta' appoġġ simplifikat, bħall-finanzjament ta' somma f'daqqa bbażat fuq il-proġetti.

Or. en

Emenda 797
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Rekwiżiti speċifiċi għall-interventi tal-PAK
	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal kull intervent fil-Pjanijiet tagħhom:
	(a) it-tip ta' intervent li fuqu jkun ibbażat, il-kamp ta' applikazzjoni territorjali u t-tip ta' żona fil-mira tal-intervent;
	(b) is-setturi fil-mira, il-benefiċjarji fil-mira, fost l-oħrajn grupp ta' bdiewa, detenturi ta' foresti jew benefiċjarji oħra, il-qasam ta' prijorità tal-ambjent u tal-klima tal-PAK, f'konformità mal-Artikolu 4, immirati skont l-intervent;
	(c) Spjegazzjoni tal-kriterji rilevanti tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar il-Biedja kif imsemmi fl-Artikolu 40 [appoġġ domestiku tad-WTO] u fl-Anness XVII [anness tad-WTO];
	(d) Deskrizzjoni tat-tfassil tal-intervent, inklużi l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, u għall-azzjonijiet agroambjentali, tal-forestrija-ambjentali u klimatiċi msemmija fl-Artikolu 10;
	(e) deskrizzjoni tal-prattiki tal-biedja koperti mill-intervent ibbażata fuq il-klassifikazzjoni taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-prattiki tal-biedja f'konformità mal-Artikolu 3, il-paragrafu 5 tar-Regolament (UE);
	(f) fir-rigward tal-interventi f'ċerti setturi msemmija fil-Parti II, it-Titolu I, il-Kapitolu IIa tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-ġustifikazzjoni għall-immirar tas-setturi magħżula u l-komplementarjetà ma' interventi oħra tal-PAK, u fejn rilevanti, ma' miżuri oħra stabbiliti fil-Pjan;
	2. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-ammont ta' appoġġ għall-

azzjonijiet ta' tranżizzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1), il-punti (b) u (ba) abbażi tal-istimi tal-kostijiet stabbiliti fil-pjanijiet ta' azzjoni għat-tranżizzjoni. L-appoġġ għandu jkun limitat għal EUR 280 000 għal kull bidwi għal kull perjodu ta' programmazzjoni tal-Pjan, eskluży l-kostijiet tas-servizzi ta' konsulenza mfassla apposta relatati mal-abbozzar, l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-pjan fejn dawn ikunu applikabbli.

3. Meta l-appoġġ pubbliku mogħti skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-PAK] għal operazzjoni ta' investiment ma jaqbiżx il-EUR 100 000 u ma jkunx soġġett għar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, dak l-appoġġ għandu jieħu l-forma ta' skali standard ta' kostijiet unitarji, somom f'daqqa jew rati fissi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

1. Żieda fl-ammont ta' appoġġ għal kull bidwi għal kull perjodu ta' programmazzjoni għal EUR 280 000 (minn EUR 200 000 fil-Proposta tal-KE). Il-pjan ta' azzjoni għat-tranżizzjoni jista' jkun għodda ewlenija għall-bdiewa li jixtiequ jibdlu l-prattiki tagħhom iżda jiffaċċjaw il-piż tal-investiment inizjali għoli, għalhekk l-appoġġ għal tali azzjoni għandu jkun ogħla. 2. Żieda ta' operazzjonijiet relatati mal-foresti (mhuwiex obbligatorji li dawn jiġu pprogrammati)

Emenda 798
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Objettivi speċifiċi tal-PAK
	L-ilħuq tal-objettivi ġenerali għandu jiġi segwit permezz tal-objettivi speċifiċi li

ġejjin:

(a) l-appoġġ għall-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli u r-reżiljenza tas-settur agrikolu fl-Unjoni kollha sabiex jissaħħu s-sovranità tal-ikel fit-tul u d-diversità agrikola kif ukoll biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà ekonomika tal-produzzjoni agrikola fl-Unjoni;

(b) it-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur biex tiġi sostnuta r-reżiljenza ekonomika tagħhom u t-titjib tat-tħejjija u tal-kapaċità tal-bdiewa li jlaħħqu mal-kriżijiet u mar-riskji; it-tisħiħ tal-aċċess għall-għarfien u għall-innovazzjoni;

(c) it-trawwim tat-tiġdid ġenerazzjonali billi jiġu attirati u sostnuti bdiewa żgħażagħ u bdiewa ġodda u jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tan-negozju sostenibbli fiż-żoni rurali;

(d) il-kontribut għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, inkluż bil-provvista ta' beni pubbliċi, billi jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u jissaħħaħ is-sekwestru tal-karbonju, kif ukoll bil-promozzjoni tal-enerġija sostenibbli;

(e) it-trawwim tal-iżvilupp sostenibbli u l-immaniġġjar effiċjenti tar-riżorsi naturali bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja, inkluż billi titnaqqas id-dipendenza fuq sustanzi kimiċi;

(f) il-kontribut għat-twaqqif u għat-treġġigħ lura tat-telf tal-bijodiversità u t-tisħiħ tas-servizzi tal-ekosistema u l-preżervazzjoni tal-ħabitats, tal-pajsaġġi u tal-foresti inkluż permezz tal-użu ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura;

(g) it-titjib tal-attraenza u tal-istandards tal-għajxien, inkluż l-aċċess għall-kura tas-saħħa, fiż-żoni rurali u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti li jippromwovu l-impjiegi, it-tkabbir, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluża l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-biedja, l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp

lokali fiż-żoni rurali;

(h) it-titjib tar-rispons tal-agrikoltura tal-Unjoni għad-domandi soċjetali għall-ikel u għas-saħħa, inkluż ikel sikur u nutrittiv ta' kwalità għolja prodott b'mod sostenibbli, biex titnaqqas il-ħela tal-ikel, kif ukoll biex jittejjeb il-benessri tal-annimali u tiġi miġġielda r-reżistenza għall-antimikrobiċi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-objettivi speċifiċi jibnu fuq l-objettivi ġenerali biex jagħtu pedament komuni għal politika ġenerali tal-PAK tal-UE.

Emenda 799
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Mireia Borrás Pabón, Csaba Dömötör, Tomáš Kubín, Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Rekwiżiti speċifiċi għall-interventi tal-PAK
	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal kull intervent fil-Pjanijiet tagħhom:
	(a) it-tip ta' intervent, il-kamp ta' applikazzjoni territorjali u t-tip ta' żona fil-mira tal-intervent;
	(b) fejn applikabbli, is-setturi fil-mira tal-intervent jew il-grupp ta' bdiewa jew benefiċjarji oħra fil-mira tal-qasam ta' prijorità tal-intervent, tal-ambjent u tal-klima tal-PAK, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament;
	(c) Spjegazzjoni tal-kriterji rilevanti tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar il-Biedja kif imsemmi fl-Artikolu 20c (ġdid) [appoġġ domestiku tad-WTO] u fl-Anness

XVII [anness tad-WTO];

(d) Deskrizzjoni tat-tfassil tal-intervent, inklużi l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, u, fejn applikabbli, għall-azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi msemmija fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament];

(e) deskrizzjoni tal-prattiki tal-biedja koperti mill-intervent ibbażata fuq il-klassifikazzjoni taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-prattiki tal-biedja f'konformità mal-Artikolu 3, il-paragrafu 5 ta' dan ir-Regolament.

(f) fir-rigward tal-interventi f'ċerti setturi msemmija fil-Parti II, it-Titolu I, il-Kapitolu IIa tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-ġustifikazzjoni għall-immirar tas-setturi magħżula u l-komplementarjetà ma' interventi oħra tal-PAK, u fejn rilevanti, ma' miżuri oħra stabbiliti fil-Pjan;

2. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-ammont ta' appoġġ għall-azzjonijiet ta' tranżizzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament abbażi tal-istimi tal-kostijiet stabbiliti fil-pjanijiet ta' tranżizzjoni.

3. Meta l-appoġġ pubbliku mogħti skont l-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament (UE) għal operazzjoni ta' investiment ma jaqbiżx il-EUR 100 000 u ma jkunx soġġett għar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, dak l-appoġġ għandu jieħu l-forma ta' skali standard ta' kostijiet unitarji, somom f'daqqa jew rati fissi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dak li qabel kien l-Artikolu 36, il-paragrafu 2 tal-SNR bi qbil li jiġi trasferit

paragrafu 1, punt a "li fuqu jkun ibbażat" imħassar

il-punt d "tat-tfassil tal-intervent" imħassar - "u, fejn applikabbli" miżjud.

paragrafu 2 "L-appoġġ għandu jkun limitat għal [EUR 200 000] għal kull bidwi għal kull perjodu ta' programmazzjoni tal-Pjan." imħassar

Emenda 800
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Rekwiżiti speċifiċi għall-interventi tal-PAK
	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal kull intervent fil-Pjanijiet tagħhom:
	(a) it-tip ta' intervent li fuqu jkun ibbażat, il-kamp ta' applikazzjoni territorjali u t-tip ta' żona fil-mira tal-intervent;
	(b) fejn applikabbli, is-setturi fil-mira tal-intervent jew il-grupp ta' bdiewa jew benefiċjarji oħra fil-mira tal-qasam ta' prijorità tal-intervent, tal-ambjent u tal-klima tal-PAK, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament;
	(c) Spjegazzjoni tal-kriterji rilevanti tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar il-Biedja kif imsemmi fl-Artikolu 20c (ġdid) [appoġġ domestiku tad-WTO] u fl-Anness XVII [anness tad-WTO];
	(d) Deskrizzjoni tat-tfassil tal-intervent, inklużi l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, u għall-azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi msemmija fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament];
	(e) deskrizzjoni tal-prattiki tal-biedja koperti mill-intervent ibbażata fuq il-klassifikazzjoni taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-prattiki tal-biedja f'konformità mal-Artikolu 3, il-paragrafu 5 ta' dan ir-Regolament.
	(f) fir-rigward tal-interventi f'ċerti setturi msemmija fil-Parti II, it-Titolu I, il-Kapitolu IIa tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-ġustifikazzjoni għall-immirar tas-setturi magħżula u l-komplementarjetà ma' interventi oħra tal-

PAK, u fejn rilevanti, ma' miżuri oħra stabbiliti fil-Pjan;

2. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-ammont ta' appoġġ għall-azzjonijiet ta' tranżizzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament abbażi tal-istimi tal-kostijiet stabbiliti fil-pjanijiet ta' tranżizzjoni.

3. Meta l-appoġġ pubbliku mogħti skont l-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament (UE) għal operazzjoni ta' investiment ma jaqbiżx il-EUR 100 000 u ma jkunx soġġett għar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, dak l-appoġġ għandu jieħu l-forma ta' skali standard ta' kostijiet unitarji, somom f'daqqa jew rati fissi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(former NRP Art. 36)

Is proposed removing the sentence that sets a maximum support of EUR 200,000 per farmer per programming period for transition actions. This arbitrary cap is overly restrictive and could hinder the ability of farmers, particularly medium and larger enterprises, to implement necessary transition measures.

Transition actions often involve substantial investments in technology, infrastructure, or environmental improvements. Setting a fixed upper limit risks underfunding projects where actual costs exceed the cap, potentially delaying or preventing important sustainability or modernization initiatives.

By removing this limit, Member States can tailor support more effectively to the real costs of transition actions, ensuring that all farms, regardless of size, have the opportunity to adopt measures that contribute to environmental objectives, competitiveness, and long-term resilience of the agricultural sector.

Emenda 801
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Artikolu 2a

Artikolu 2a (ġdid) (dak li qabel kien l-Artikolu 36 tal-SNR) Rekwiżiti speċifiċi għall-interventi tal-PAK

1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu, għal kull intervent fil-Pjanijiet tagħhom:

a) it-tip ta' intervent li fuqu tkun ibbażata, l-ambitu territorjali u t-tip ta' żona fil-mira tiegħu;

b) L-informazzjoni pprovduta f'konformità mal-paragrafu 1 għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-produzzjoni, territorjali, klimatiċi, tal-ilma u soċjoekonomiċi tal-bdiewa, ta' min irabbi l-bhejjem, tal-kooperattivi, tas-sidien tal-foresti u taż-żoni rurali. Tali valutazzjoni għandha tidentifika, fejn xieraq, il-ħtiġijiet relatati mal-istabbiltà tal-introjtu, l-appoġġ għall-introjtu akkoppjat, it-tiġdid ġenerazzjonali, ir-reżiljenza tal-ilma, l-irrigazzjoni sostenibbli, il-modernizzazzjoni, l-innovazzjoni, il-LEADER u l-objettiv rurali msemmi fl-Artikolu 5(2a). L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfassil tal-interventi tal-PAK jibqa' proporzjonat, speċifiku u adattat għar-realtajiet agrikoli nazzjonali u reġjonali.

3. Meta l-appoġġ pubbliku mogħti skont l-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament għal operazzjoni ta' investiment ma jaqbiżx il-EUR 100 000 u ma jkunx soġġett għar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, bl-għan li tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tas-simplifikazzjoni amministrattiva, dak l-appoġġ għandu jieħu l-forma ta' skali standard ta' kostijiet unitarji, ammonti fissi jew rati fissi.

Or. es

Emenda 802
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Rekwiżiti speċifiċi għall-intervent tal-PAK (dak li qabel kien l-Artikolu 36 tal-PSNR)
	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal kull intervent fil-Pjanijiet tagħhom:
	(a) it-tip ta' intervent li fuqu jkun ibbażat, il-kamp ta' applikazzjoni territorjali u t-tip ta' żona fil-mira tal-intervent;
	(b) fejn applikabbli, is-setturi fil-mira tal-intervent jew il-grupp ta' bdiewa jew benefiċjarji oħra fil-mira tal-qasam ta' prijorità tal-intervent, tal-ambjent, tal-benessri tal-annimali u tal-klima tal-PAK, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament;
	(c) Spjegazzjoni tal-kriterji rilevanti tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar il-Biedja kif imsemmi fl-Artikolu 20c (ġdid) [appoġġ domestiku tad-WTO] u fl-Anness XVII [anness tad-WTO];
	(d) Deskrizzjoni tat-tfassil tal-intervent, inklużi l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, u għall-azzjonijiet agroambjentali, tal-bijodiversità u klimatiċi msemmija fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament];
	(e) deskrizzjoni tal-prattiki tal-biedja koperti mill-intervent ibbażata fuq il-klassifikazzjoni taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-prattiki tal-biedja f'konformità mal-Artikolu 3, il-paragrafu 5 ta' dan ir-Regolament.
	(f) fir-rigward tal-interventi f'ċerti setturi msemmija fil-Parti II, it-Titolu I, il-Kapitolu IIa tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-ġustifikazzjoni għall-immirar tas-setturi magħżula u l-komplementarjetà ma' interventi oħra tal-PAK, u fejn rilevanti, ma' miżuri oħra stabbiliti fil-Pjan;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dak li qabel kien l-Artikolu 36 tal-SNR, bi qbil li jiġi trasferit. Emendi mqabbla mat-test trasferit: il-punt (b) "u" huwa sostitwit bi "tal-benessri tal-annimali u"; il-punt (d) "u" huwa sostitwit b'"tal-bijodiversità u".

Emenda 803
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Rekwiżiti speċifiċi għall-interventi tal-PAK
	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal kull intervent fil-Pjanijiet tagħhom:
	(a) (...)
	(b) (...)
	(c) (...)
	(d) Deskrizzjoni tat-tfassil tal-intervent, inklużi l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, u għall-azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi msemmija fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament, inklużi l-arranġamenti ta' kofinanzjament u l-adozzjoni u l-kopertura taż-żona mistennija;
	(e) deskrizzjoni tal-prattiki tal-biedja koperti mill-intervent ibbażata fuq il-klassifikazzjoni taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-prattiki tal-biedja, jew il-kombinazzjoni agroekoloġika tagħhom meta prattiki tal-biedja multipli jiġu applikati b'mod konġunt, f'konformità mal-Artikolu 3, il-paragrafu 5 ta' dan ir-Regolament;
	(f) (...)
	2. (...)

3. (...)

Or. en

Emenda 804
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Pjanijiet tal-PAK
	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu Pjanijiet tal-PAK biex jimplimentaw l-appoġġ tal-Unjoni ffinanzjat mill-Fond tal-PAK għall-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE u f'konformità mad-dispożizzjonijiet inklużi f'dan ir-Regolament.
	L-Istati Membri għandhom ifasslu l-Pjanijiet tal-PAK abbażi ta' proċeduri trasparenti, fejn applikabbli f'kollaborazzjoni mar-reġjuni tagħhom, f'konformità mal-qafas istituzzjonali u legali tagħhom, u wara konsultazzjoni mar-rappreżentanti tas-settur agrikolu.
	Il-Pjanijiet tal-PAK għandhom jiżguraw is-simplifikazzjoni u jimminimizzaw il-piż amministrattiv u regolatorju għall-bdiewa u għal benefiċjarji oħra.

Or. en

Emenda 805
Arash Saeidi, Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Artikolu 2a

Rekwiżiti speċifiċi għall-interventi tal-PAK

2. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-ammont tal-appoġġ għaż-żamma u għat-tranżizzjoni tal-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10(1), il-punt (a) u (b) ta' dan ir-Regolament abbażi tal-istimi tal-kostijiet stabbiliti fil-pjanijiet ta' tranżizzjoni għall-punt (b). L-appoġġ għaż-żamma u għall-azzjonijiet għat-tranżizzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1), il-punti (a) u (b), għandu jkun limitat għal EUR [200 000] għal kull bidwi u għal kull perjodu ta' programmazzjoni tal-Pjan.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-SNR preċedenti, l-Artikolu 36(2): Il-limitu massimu ta' EUR 200 000 għandu jiġi applikat b'mod konsistenti għall-azzjonijiet ta' żamma u tranżizzjonali biex tiġi żgurata l-koerenza bejn il-miżuri agroambjentali u dawk klimatiċi differenti. L-applikazzjoni tal-istess limitu massimu għal dawn iż-żewġ kategoriji ta' miżuri tikkontribwixxi għal ġestjoni finanzjarja aħjar, tiżgura użu bilanċjat tal-pakketti disponibbli u tippromwovi l-aċċess għal dawn l-iskemi għal aktar bdiewa.

Emenda 806
Carlo Fidanza, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Rekwiżiti speċifiċi għall-interventi tal-PAK
	2. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-ammont ta' appoġġ għall-azzjonijiet ta' tranżizzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament abbażi tal-istimi tal-kostijiet stabbiliti fil-pjanijiet ta' tranżizzjoni. Meta

l-appoġġ pubbliku mogħti skont l-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament (UE) għal operazzjoni ta' investiment ma jaqbiżx il-EUR 100 000 u ma jkunx soġġett għar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, dak l-appoġġ għandu jieħu l-forma ta' skali standard ta' kostijiet unitarji, somom f'daqqa jew rati fissi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 36 tal-SNR). TĦASSIR TA': L-appoġġ għandu jkun limitat għal [EUR 200 000] għal kull bidwi għal kull perjodu ta' programmazzjoni tal-Pjan. Huwa meqjus xieraq li jitneħħa l-limitu ta' EUR 200 000, peress li t-tranżizzjoni spiss tinvolvi investimenti ta' kapital intensiv. Huwa meħtieġ limitu massimu flessibbli biex jiġi pprovdut appoġġ effettiv.

Emenda 807
Eric Sargiacomo, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Artikolu 2a (ġdid) (dak li qabel kien l-Artikolu 36 tal-SNR)
	2. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-ammont ta' appoġġ għall-azzjonijiet ta' manutenzjoni u tranżizzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1), il-punti (a) u (b), ta' dan ir-Regolament abbażi tal-istimi tal-kostijiet stabbiliti fil-pjanijiet ta' tranżizzjoni għall-punt (b). L-appoġġ għall-azzjonijiet ta' manutenzjoni u tranżizzjoni, imsemmija fl-Artikolu 10(1), il-punti (a) u (b), għandu jkun limitat għal [EUR 300 000] għal kull bidwi għal kull perjodu ta' programmazzjoni tal-Pjan.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Article 2a(new) (former NRP Art. 36). Precision of maintenance.

The ceiling of EUR 200 000 should apply consistently to both maintenance actions referred to in Article 10(1)(a) and transition actions referred to in Article 10(1)(b), in order to ensure coherence between the different types of agri-environment-climate interventions. Applying the same ceiling to both types of measures also contributes to sound financial management and helps ensure a balanced use of available envelopes, allowing a larger number of farmers willing to engage in environmentally and climate-friendly practices to benefit from this support.

Emenda 808
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2b
	Rekwiżiti speċifiċi għall-interventi tal-PAK
	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal kull intervent fil-Pjanijiet tagħhom:
	(a) it-tip ta' intervent li fuqu jkun ibbażat, il-kamp ta' applikazzjoni territorjali u t-tip ta' żona fil-mira tal-intervent;
	(b) fejn applikabbli, is-setturi fil-mira tal-intervent jew il-grupp ta' bdiewa jew benefiċjarji oħra fil-mira tal-qasam ta' prijorità tal-intervent, tal-ambjent u tal-klima tal-PAK, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament;
	(c) spjegazzjoni tal-kriterji rilevanti tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar il-Biedja kif imsemmi fl-Artikolu 20c (ġdid) [appoġġ domestiku tad-WTO] u fl-Anness XVII [anness tad-WTO];
	(d) deskrizzjoni tat-tfassil tal-intervent, inklużi l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, u għall-azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi msemmija fl-Artikolu 10 ta' dan

ir-Regolament];

(e) deskrizzjoni tal-prattiki tal-biedja koperti mill-intervent ibbażata fuq il-klassifikazzjoni taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-prattiki tal-biedja f'konformità mal-Artikolu 3, il-paragrafu 5 ta' dan ir-Regolament.

(f) fir-rigward tal-interventi f'ċerti setturi msemmija fil-Parti II, it-Titolu I, il-Kapitolu IIa tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-ġustifikazzjoni għall-immirar tas-setturi magħżula u l-komplementarjetà ma' interventi oħra tal-PAK, u fejn rilevanti, ma' miżuri oħra stabbiliti fil-Pjan;

2. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-ammont ta' appoġġ għall-azzjonijiet ta' tranżizzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament abbażi tal-istimi tal-kostijiet stabbiliti fil-pjanijiet ta' tranżizzjoni. L-appoġġ għandu jkun limitat għal [EUR 200 000] għal kull bidwi għal kull perjodu ta' programmazzjoni tal-Pjan.

3. Meta l-appoġġ pubbliku mogħti skont l-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament (UE) għal operazzjoni ta' investiment ma jaqbiżx il-EUR 100 000 u ma jkunx soġġett għar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, dak l-appoġġ għandu jieħu l-forma ta' skali standard ta' kostijiet unitarji, somom f'daqqa jew rati fissi.

Or. en